Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel
Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

2023/0284(COD)

24.2.2025

EMENDI
1073 - 1424

Abbozz ta' rapport
Jens Gieseke, Paulius Saudargas
(PE768.004v01-00)

Ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u l-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, l-emenda tar-Regolamenti (UE) 2018/858 u 2019/1020 u t-tħassir tad-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE

Proposta għal regolament
(COM(2023)0451 – C9-0308/2023 – 2023/0284(COD))

AM_Com_LegReport

Emenda 1073
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produtturi għandhom ikopru l-kostijiet li ġejjin relatati mal-vetturi li l-produttur jagħmel disponibbli fis-suq:	1. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produtturi ***lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart ikkuntrattati fi ħdan l-iskema tar-responsabbiltà estiża tal-produttur individwali jew kollettiva tagħhom skont l-Artikolu 16*** għandhom ikopru l-kostijiet li ġejjin relatati mal-vetturi li l-produttur jagħmel disponibbli fis-suq:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 20(1) jeħtieġ li l-produtturi jkopru l-ispejjeż mhux ikkumpensati minn dħul minn partijiet użati, ELVs li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew materja prima. B'differenza għal prodotti oħra li ma għadhomx jintużaw, l-ELVs iżommu valur, u b'hekk it-talbiet għall-profitti mhumiex verifikabbli mingħajr żvelar finanzjarju sħiħ. Il-kumpens għandu jiġi nnegozjat kuntrattwalment, u l-produtturi m'għandhomx ikunu obbligati jissussidjaw operaturi ineffiċjenti. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart ikkuntrattati biss jistgħu jitolbu kumpens tad-defiċit, biex jiġu żgurati ġustizzja u effiċjenza fis-sistema.

Emenda 1074
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, dment li ma jkunux koperti mid-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart marbut mal-bejgħ ta'	(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw***, bl-esklużjoni tal-kostijiet tat-trasport tal-vettura sal-faċilità ta' trattament awtorizzata,*** li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35,

spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;	dment li ma jkunux koperti mid-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart marbut mal-bejgħ ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw; ***sabiex japplika dan il-paragrafu, għandhom jiġu vvalutati l-vetturi kollha b'mod ġenerali, iżda dan ma jistax isir għal kull vettura;***

Or. es

Emenda 1075
Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, ***dment li ma jkunux koperti mid-dħul*** tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart ***marbut mal-bejgħ*** ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;	(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw***, bl-esklużjoni tal-ispejjeż għat-trasport tal-vettura lejn il-faċilità ta' trattament awtorizzata,*** li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, ***filwaqt li jitqies kwalunkwe*** dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart ***miksub mill-bejgħ*** ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw; ***biex din it-taqsima tkun applikabbli, trid issir valutazzjoni globali tal-ispejjeż u tad-dħul, u din ma tistax issir għal kull vettura.***

Or. en

Emenda 1076
Viktória Ferenc, Barbara Bonte, Ernő Schaller-Baross, Mathilde Androuët, Valérie Deloge, Marie-Luce Brasier-Clain, Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, ***dment li ma jkunux koperti mid-dħul*** tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart marbut mal-bejgħ ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;	(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, ***skont l-Artikolu 8a, il-paragrafu 4, il-punti (a) sa (c) tad-Direttiva 2008/98/KE, filwaqt li jitqies id-dħul*** tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart miksub mill-bejgħ ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ aġġustament sħiħ tal-Artikolu 8a tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart biex jiġi evitat nuqqas ta' konsistenza regolatorja għal flussi ta' skart differenti. L-emenda teknika t'hawn fuq hija konformi mat-test adottat fl-approċċ ġenerali tal-Kunsill dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart rigward l-iskemi EPR għat-tessuti.

Emenda 1077
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u ***l-kostijiet*** tat-trattament ta' vetturi li	(a) il-kostijiet ***għall-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart kuntrattati*** tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-

ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, dment li ma jkunux koperti mid-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart marbut mal-bejgħ ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;	rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, dment li ma jkunux koperti mid-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart marbut mal-bejgħ ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;

Or. en

Emenda 1078
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, dment li ma jkunux koperti mid-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart marbut mal-bejgħ ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;	(a) il-kostijiet ***għall-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart kuntrattati*** tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, dment li ma jkunux koperti mid-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart marbut mal-bejgħ ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;

Or. en

Emenda 1079
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u ***l-kostijiet*** tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, dment li ma jkunux koperti mid-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart marbut mal-bejgħ ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;	(a) il-kostijiet ***għall-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart kuntrattati*** tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, dment li ma jkunux koperti mid-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart marbut mal-bejgħ ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kumpens skont l-Artikolu 20(1)(a) huwa soġġett għal negozjati kuntrattwali. Barra minn hekk, minħabba l-valur pożittiv ta' ELV, il-produttur mhumiex responsabbli għas-sussidjar ta' għadd illimitat ta' operaturi ineffiċjenti. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart kuntrattati biss jistgħu jitolbu kumpens għad-defiċit.

Emenda 1080
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u 35, dment li ma jkunux	(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet ***tat-trasport sussegwenti u*** tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30,

koperti mid-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart marbut mal-bejgħ ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;	34 u 35, dment li ma jkunux koperti mid-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart marbut mal-bejgħ ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;

Or. en

Emenda 1081
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u ***35***, dment li ma jkunux koperti mid-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart marbut mal-bejgħ ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;	(a) il-kostijiet tal-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 23 sa 26 u l-kostijiet tat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-Artikoli 27 sa 30, 34 u ***36***, dment li ma jkunux koperti mid-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart marbut mal-bejgħ ta' spare parts użati u ta' komponenti tal-bdil użati, ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jkunu ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jew ta' materja prima sekondarja rriċiklata minn vetturi li ma għadhomx jintużaw;

Or. en

Emenda 1082
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kostijiet tat-twettiq ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex itejbu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw;	***imħassar***

Or. es

Emenda 1083
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kostijiet tat-twettiq ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex itejbu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw;	(b) il-kostijiet tat-twettiq ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex itejbu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***u biex inaqqsu l-impatti ambjentali tal-użu tal-vetturi***;

Or. en

Emenda 1084
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kostijiet tat-twettiq ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex itejbu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw;	(b) il-kostijiet tat-twettiq ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati biex ***jinfurmaw il-pubbliku u biex*** itejbu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw;

Or. en

Emenda 1085
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain,

Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kostijiet tal-istabbiliment tas-sistema ta' notifika msemmija fl-Artikolu 25;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1086
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kostijiet tal-istabbiliment tas-sistema ta' notifika msemmija fl-Artikolu 25;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1087
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kostijiet tal-istabbiliment tas-sistema ta' notifika msemmija fl-Artikolu 25;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istabbiliment ta' sistema ta' notifika għaċ-ċertifikat ta' qerda skont l-Artikolu 25 huwa l-

kompitu tal-awtoritajiet u mhux obbligu tal-produtturi.

Emenda 1088
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kostijiet tal-istabbiliment tas-sistema ta' notifika msemmija fl-Artikolu 25;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1089
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kostijiet tal-istabbiliment tas-sistema ta' notifika msemmija fl-Artikolu 25;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kostijiet tal-istabbiliment (u tal-iżvilupp u ż-żamma) tas-sistemi ta' notifika għaċ-ċertifikat ta' qerda għandu jkun kompitu tal-awtoritajiet u m'għandux ikun rekwiżit għall-produtturi.

Emenda 1090
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-kostijiet tal-ġbir u tar-rapportar tad-data lill-awtoritajiet kompetenti.	***imħassar***

Or. es

Emenda 1091
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità kompetenti għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-produtturi, mal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi u mal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, timmonitorja:	***imħassar***
(a) il-kostijiet medji tal-operazzjonijiet ta' ġbir, riċiklaġġ u trattament u d-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart;	
(b) il-livell ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi maħtura fil-każ tat-twettiq kollettiv tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi sabiex il-kostijiet jiġu allokati b'mod ġust bejn l-operaturi interessati kollha.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan it-test jeħtieġ li l-awtoritajiet jimmonitorjaw l-ispejjeż u d-dħul tal-operaturi tal-ġestjoni tal-iskart biex jiżguraw allokazzjoni ġusta tal-ispejjeż. Hija meħtieġa kjarifika dwar l-intenzjoni u l-implimentazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha. Kwalunkwe approċċ li jidħol f'kunflitt mal-prinċipji tas-suq ħieles għandu jiġi miċħud, u hija mħeġġa konsultazzjoni mad-DĠ Kompetizzjoni biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni.

Emenda 1092
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità kompetenti għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-produtturi, mal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi u mal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, timmonitorja:	***imħassar***
(a) il-kostijiet medji tal-operazzjonijiet ta' ġbir, riċiklaġġ u trattament u d-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart;	
(b) il-livell ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi maħtura fil-każ tat-twettiq kollettiv tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi sabiex il-kostijiet jiġu allokati b'mod ġust bejn l-operaturi interessati kollha.	

Or. en

Emenda 1093
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità kompetenti għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-produtturi, mal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi u mal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, timmonitorja:	***imħassar***
(a) il-kostijiet medji tal-operazzjonijiet ta' ġbir, riċiklaġġ u trattament u d-dħul	

tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart;

(b) il-livell ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi maħtura fil-każ tat-twettiq kollettiv tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi sabiex il-kostijiet jiġu allokati b'mod ġust bejn l-operaturi interessati kollha.

Or. en

Emenda 1094
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità kompetenti għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-produtturi, mal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi u mal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, timmonitorja:	2. L-awtorità kompetenti għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib ***u billi tiżgura li d-data kollha ssir pubblika u aċċessibbli għall-parteċipanti kollha,*** mal-produtturi, mal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi u mal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, timmonitorja:

Or. en

Emenda 1095
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-kostijiet medji tal-operazzjonijiet ta' ġbir, riċiklaġġ u trattament u d-dħul tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Abbażi tal-esperjenza disponibbli, l-ispejjeż medji tal-operazzjonijiet ta' ġbir, riċiklaġġ u trattament u d-dħul tal-kumpaniji tal-immaniġġar tal-iskart mill-bejgħ ta' spare parts użati u materja prima sekondarja qatt ma jistgħu jiġu kkalkulati b'mod preċiż, peress li huma bbażati fuq data individwali, kunfidenzjali u strateġika interna tal-kumpanija relatata mal-mudelli tan-negozju użati mill-kumpaniji tal-ġestjoni tal-iskart. Din id-data trid tkompli tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali skont il-liġijiet rilevanti dwar il-kompetizzjoni u l-protezzjoni tad-data.

Emenda 1096
Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-livell ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi maħtura fil-każ tat-twettiq kollettiv tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi sabiex il-kostijiet jiġu allokati b'mod ġust bejn l-operaturi interessati kollha.	***imħassar***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-objettiv tal-monitoraġġ, kif stipulat, huwa li jikseb distribuzzjoni ġusta tal-kostijiet bejn l-operaturi kollha kkonċernati. Dan il-metodu jmur kontra l-prinċipju proprju ta' suq ħieles. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tippromwovi d-distribuzzjoni ġusta tal-kostijiet, mingħajr ma tkun ikkonċernata bid-distribuzzjoni ġusta tad-dħul, li hija inkonsistenti. Hekk kif inhi, il-leġiżlazzjoni tissogra li tiffavorixxi aktar lill-operaturi tar-riċiklaġġ milli lill-manifatturi tal-karozzi.

Emenda 1097
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-livell ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi ***maħtura fil-każ tat-twettiq kollettiv tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi*** sabiex il-kostijiet jiġu allokati b'mod ġust bejn l-operaturi interessati kollha.	(b) il-livell ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi sabiex il-kostijiet jiġu allokati b'mod ġust bejn l-operaturi interessati kollha.

Or. en

Emenda 1098
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-livell ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi maħtura ***fil-każ tat-twettiq kollettiv tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi*** sabiex il-kostijiet jiġu allokati b'mod ġust bejn l-operaturi interessati kollha.	(b) il-livell ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-produtturi lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi maħtura sabiex il-kostijiet jiġu allokati b'mod ġust bejn l-operaturi interessati kollha.

Or. en

Emenda 1099
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji	***imħassar***

mħallsa mill-produttur li jagħmlu disponibbli fis-suq vetturi bi skop speċjali għandhom ikopru biss dawn il-kostijiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 li jikkonċernaw il-ġbir u t-tneħħija tat-tniġġis ta' tali vetturi.

Or. en

Emenda 1100
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-każ tat-twettiq individwali tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, il-produtturi għandhom jipprovdu garanzija għall-vetturi li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru. Dik il-garanzija għandha tiżgura li l-operati msemmija fil-paragrafu 1 li għandhom x'jaqsmu ma' dawk il-vetturi se jiġu ffinanzjati.	***imħassar***
L-ammont tal-garanzija għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri li fihom il-vettura tkun saret disponibbli fis-suq għall-ewwel darba filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 21.	
Il-garanzija tista' tieħu l-forma ta' parteċipazzjoni mill-produttur fi skemi xierqa għall-finanzjament tal-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, assigurazzjoni ta' riċiklaġġ jew kont tal-bank ibblokkat.	

Or. en

Emenda 1101
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ tat-twettiq individwali tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, il-produtturi għandhom jipprovdu garanzija għall-vetturi li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru. Dik il-garanzija għandha tiżgura li l-operati msemmija fil-paragrafu 1 li għandhom x'jaqsmu ma' dawk il-vetturi se jiġu ffinanzjati.	Fil-każ tat-twettiq individwali tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, il-produtturi għandhom jipprovdu garanzija għall-vetturi li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru. Dik il-garanzija għandha tiżgura li l-operati msemmija fil-paragrafu 1 li għandhom x'jaqsmu ma' dawk il-vetturi se jiġu ffinanzjati. ***Għandu jiġi mwaqqaf fond kollettiv operat minn organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi f'kull Stat Membru. It-tariffa tiġi miġbura għal kull vettura reġistrata.***

Or. en

Emenda 1102
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ammont tal-garanzija għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri li fihom il-vettura tkun saret disponibbli fis-suq għall-ewwel darba filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 21.	L-ammont tal-garanzija għandu jiġi ddeterminat mill-Istati Membri li fihom il-vettura tkun saret disponibbli fis-suq għall-ewwel darba filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 21. ***Il-kontribuzzjoni minn sid il-vettura hija obbligatorja. L-ammont totali tal-fond ikopri l-ispejjeż totali għal żarmar obbligatorju mhux profitabbli għal sena. Minħabba l-flutwazzjonijiet tal-ispejjeż u l-ammont totali ta' vetturi, tista' tinbena riżerva ta' mhux ikbar minn sena gradwalment. Il-fond jista' wkoll iservi bħala sistema ta' primjum għall-aħħar sid li jkun jista' juri ċertifikat ta' qerda.***

Or. en

Emenda 1103
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ammont tal-garanzija għandu ***jiġi ddeterminat mill-Istati Membri li fihom il-vettura tkun saret disponibbli*** fis-suq ***għall-ewwel darba filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 21.***	L-ammont tal-garanzija għandu ***jkopri l-ispejjeż proġettati għall-immaniġġar ta' ELVs introdotti*** fis-suq ***tal-Istat Membru għal sena (1) mid-data tal-awtorizzazzjoni tagħha.***

Or. en

Emenda 1104
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ammont tal-garanzija għandu ***jiġi ddeterminat mill-Istati Membri li fihom il-vettura tkun saret disponibbli fis-suq għall-ewwel darba filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 21.***	L-ammont tal-garanzija għandu ***jkopri l-ispejjeż proġettati għall-immaniġġar ta' ELVs introdotti*** fis-suq ***tal-Istat Membru għal sena (1) mid-data tal-awtorizzazzjoni tagħha.***

Or. en

Emenda 1105
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ammont tal-garanzija għandu ***jiġi***	L-ammont tal-garanzija għandu ***jkopri l-***

ddeterminat mill-Istati Membri li fihom il-vettura tkun saret disponibbli fis-suq għall-ewwel darba filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 21.	***ispejjeż proġettati għall-immaniġġar ta' ELVs introdotti*** fis-suq ***tal-Istat Membru għal sena (1) mid-data tal-awtorizzazzjoni tagħha.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-garanzija finanzjarja għandha tkopri l-ispejjeż stmati tal-immaniġġar ta' ELVs introdotti fis-suq għal sena (1) mid-data tal-awtorizzazzjoni.

Emenda 1106
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-każ ta' organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mmexxija mill-Istat, jeħtieġ li l-Istat Membru jiżgura li t-tariffi miġbura mill-Organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-Responsabbiltà tal-Produtturi (PRO) mmexxija mill-Istat mingħand il-produtturi ma jintużawx għal skopijiet mhux relatati mat-tħaddim ta' sistema effiċjenti għall-ġbir u t-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-Responsabbiltà tal-Produtturi (PRO) mmexxija mill-Istat tikkontradiċi l-għan tar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'dan ir-Regolament. Leġiżlazzjoni konsistenti fl-Istati Membri kollha hija essenzjali. Jekk PRO mmexxija mill-Istat titħalla tkompli, irid jiġi żgurat li t-tariffi miġbura mill-produtturi jintużaw biss għall-ġbir u t-trattament effiċjenti ta' ELVs u ma jiġux iddevjati lejn skopijiet oħrajn.

Emenda 1107
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Produttur, fil-każ ta' ssodisfar individwali tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, u l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi maħtura fil-każ ta' ssodisfar kollettiv tar-responsabbiltà estiża tal-produttur, għandhom jipprovdu garanzija maħsuba biex tkopri l-kostijiet relatati mal-operazzjonijiet tal-immaniġġar tal-iskart dovuti mill-produttur, jew mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, inkluż fil-każ ta' waqfien permanenti tal-operazzjonijiet jew insolvenza tagħhom. Stat Membru jista' jispeċifika rekwiżiti addizzjonali dwar tali garanzija.* ***Fil-każ ta' organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mmexxija mill-istat, tali garanzija tista tiġi pprovduta b'mod ieħor milli mill-organizzazzjoni nnifisha u tista' tieħu l-forma ta' fond pubbliku li hu ffinanzjat mit-tariffi tal-produtturi u li għalih l-Istat Membru li jmexxi l-organizzazzjoni huwa responsabbli b'mod konġunt u in solidum. ***Il-garanzija tista' tieħu l-forma ta' parteċipazzjoni mill-produttur fi skemi xierqa għall-finanzjament tal-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, assigurazzjoni ta' riċiklaġġ jew kont tal-bank imblukkat.***

Or. en

Emenda 1108
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 21	***imħassar***
Modulazzjoni tat-tariffi	
1. Fil-każ ta' twettiq kollettiv tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi jkunu modulati billi jqisu dan li ġej:	
(a) il-piż tal-vettura;	
(b) it-tip ta' sistema tal-mototrażmissjoni;	
(c) ir-rata tal-possibbiltajiet ta' riċiklaġġ u użu mill-ġdid tat-tip ta' vettura li għalih tappartjeni l-vettura, abbażi tal-informazzjoni sottomessa lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Artikolu 4;	
(ii) il-ħin meħtieġ biex il-vettura tiġi żmuntata f'faċilità awtorizzata għat-trattament, speċjalment għal partijiet u komponenti li jeħtieġ li jitneħħew qabel ma l-vettura titqatta' skont l-Artikolu 30;	
(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, bħal adeżivi, plastik kompost, jew materjali msaħħa bil-karbonju;	
(f) il-perċentwal ta' kontenut riċiklat ta' materjali elenkati fl-Artikoli 6 u 10 użati fil-vettura;	
(g) il-preżenza u l-ammont ta' sustanzi msemmija fl-Artikolu 5(2).	
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu regoli	

dettaljati dwar kif għandhom jiġu applikati l-kriterji previsti fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1109
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-każ ta' twettiq kollettiv tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi jkunu modulati billi jqisu dan li ġej:	1. Fil-każ ta' twettiq kollettiv tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi jkunu modulati ***f'konformità mal-Artikolu 8a(4), il-punt (b), tad-Direttiva 2008/98/KE u mill-inqas skont il-kategorija tal-vettura u*** billi jqisu ***mill-inqas*** dan li ġej:

Or. en

Emenda 1110
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fil-każ ta' twettiq kollettiv tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi,*** l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi jkunu modulati billi jqisu dan li ġej:	1. L-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi jkunu modulati billi jqisu ***mill-inqas*** dan li ġej:

Or. en

Emenda 1111
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fil-każ ta' twettiq kollettiv tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi,*** l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi jkunu modulati billi jqisu dan li ġej:	1. l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi jkunu modulati billi jqisu ***mill-inqas*** dan li ġej:

Or. en

Emenda 1112
Pascal Arimont

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fil-każ ta' twettiq kollettiv tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi ***jkunu*** modulati billi jqisu dan li ġej:	1. Fil-każ ta' twettiq kollettiv tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi jkunu ***jistgħu jiġu*** modulati billi jqisu dan li ġej:

Or. en

Emenda 1113
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-piż tal-vettura;	(a) il-piż tal-vettura, ***eskluż l-batteriji***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament (UE) 2023/1542 diġà jkopri l-batteriji tal-vetturi elettriċi, għalhekk għandu jiġi evitat finanzjament doppju tal-EPRs. Għalhekk, il-batteriji tal-EV għandhom jiġu esklużi mill-piż tal-vettura fil-modulazzjoni tat-tariffi. Piż ogħla tal-vettura jista' jindika valur materjali ogħla u m'għandux neċessarjament ifisser tariffi ogħla.

Emenda 1114
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-piż tal-vettura;	(a) il-piż tal-vettura, ***eskluż l-batteriji***;

Or. en

Emenda 1115
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-piż tal-vettura;	(a) il-piż tal-vettura, ***eskluż l-batteriji***;

Or. en

Emenda 1116
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej

Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-piż tal-vettura;	(a) il-piż tal-vettura, ***eskluži l-batteriji***;

Or. en

Emenda 1117
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-piż tal-vettura;	(a) il-piż tal-vettura, ***eskluži l-batteriji***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-batterija tal-vettura elettrika m'għandhiex titqies fil-piż tal-vettura fir-rigward tal-modulazzjoni tat-tariffa, peress li l-piż tal-batterija jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-piż ġenerali tal-vettura, li potenzjalment iwassal għal tariffi ogħla. L-esklużjoni tal-batterija mill-kalkoli tal-piż se tiżgura valutazzjonijiet ġusti u preċiżi tat-tariffi.

Emenda 1118
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-piż tal-vettura;	(a) il-piż tal-vettura ***eskluži l-batteriji***

Or. en

Emenda 1119
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-piż tal-vettura;	(a) il-piż ***u d-daqs*** tal-vettura;

Or. en

Emenda 1120
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-piż tal-vettura;	(a) il-piż ***u d-daqs*** tal-vettura;

Or. en

Emenda 1121
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tip ta' sistema tal-mototrażmissjoni;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji għall-modulazzjoni tat-tariffi għandhom ikunu limitati għall-kontenut riċiklat u r-rati RRR (Irkupru, Riċiklaġġ, u Riużu).

Emenda 1122
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tip ta' sistema tal-mototrażmissjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1123
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tip ta' sistema tal-mototrażmissjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1124
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tip ta' sistema tal-mototrażmissjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1125
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tip ta' sistema tal-mototrażmissjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1126
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) ir-riparabbiltà tal-batterija tat-trazzjoni, li tinftiehem li tinkludi l-possibbiltà li l-komponenti ewlenin tagħha jitneħħew u jiġi sostitwiti (mill-inqas BMS, moduli u ċelloli) mingħajr ma jiġu kompromessi s-sikurezza u l-prestazzjoni tal-vettura;

Or. en

Emenda 1127
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) ir-riparabbiltà tal-batterija tat-trazzjoni, li tinftiehem li tinkludi l-possibbiltà li l-komponenti ewlenin tagħha jitneħħew u jiġi sostitwiti (mill-inqas BMS, moduli u ċelloli) mingħajr ma jiġu kompromessi s-sikurezza jew il-prestazzjoni tal-vettura;

Or. en

Emenda 1128
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-rata tal-possibbiltajiet ta' riċiklaġġ u użu mill-ġdid tat-tip ta' vettura li għalih tappartjeni l-vettura, abbażi tal-informazzjoni sottomessa lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Artikolu 4;	(c) ir-rata tad-***durabbiltà, ir-riparabbiltà***, il-possibbiltajiet ta' riċiklaġġ u użu mill-ġdid tat-tip ta' vettura li għalih tappartjeni l-vettura, abbażi tal-informazzjoni sottomessa lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Artikolu 4;

Or. en

Emenda 1129
Jonas Sjöstedt, Luke Ming Flanagan

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-rata ***tal-possibbiltajiet*** ta' riċiklaġġ u użu mill-ġdid tat-tip ta' vettura li għalih tappartjeni l-vettura, abbażi tal-informazzjoni sottomessa lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Artikolu 4;	(c) ir-rata ***tad-durabbiltà, ir-riparabbiltà, il-possibbiltajiet*** ta' riċiklaġġ u użu mill-ġdid tat-tip ta' vettura li għalih tappartjeni l-vettura, abbażi tal-informazzjoni sottomessa lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip f'konformità mal-Artikolu 4;

Or. en

Emenda 1130
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-ħin meħtieġ biex il-vettura tiġi żmuntata f'faċilità awtorizzata għat-trattament, speċjalment għal partijiet u komponenti li jeħtieġ li jitneħħew qabel ma l-vettura titqatta' skont l-Artikolu 30;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1131
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-ħin meħtieġ biex il-vettura tiġi żmuntata f'faċilità awtorizzata għat-trattament, speċjalment għal partijiet u komponenti li jeħtieġ li jitneħħew qabel ma l-vettura titqatta' skont l-Artikolu 30;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1132
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-ħin meħtieġ biex il-vettura tiġi żmuntata f'faċilità awtorizzata għat-trattament, speċjalment għal partijiet u komponenti li jeħtieġ li jitneħħew qabel ma l-vettura titqatta' skont l-Artikolu 30;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu tal-ħin taż-żarmar bħala fattur jirriskja li jissussidja l-ineffiċjenza. Il-kriterji tat-tariffi għandhom jiffokaw fuq kontenut riċiklat u r-rati ta' Irkupru, Riċiklaġġ u Użu mill-ġdid, li jinċentivaw l-użu sostenibbli tal-batteriji u r-riċiklaġġ effiċjenti.

Emenda 1133
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-ħin meħtieġ biex il-vettura tiġi żmuntata f'faċilità awtorizzata għat-trattament, speċjalment għal partijiet u komponenti li jeħtieġ li jitneħħew qabel ma l-vettura titqatta' skont l-Artikolu 30;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji għall-modulazzjoni tat-tariffi għandhom ikunu limitati għall-kontenut riċiklat u r-rati RRR (Irkupru, Riċiklaġġ, u Riużu).

Emenda 1134
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-ħin meħtieġ biex il-vettura tiġi żmuntata f'faċilità awtorizzata għat-trattament, speċjalment għal partijiet u komponenti li jeħtieġ li jitneħħew qabel ma l-vettura titqatta' skont l-Artikolu 30;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1135
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-ħin meħtieġ biex il-vettura tiġi żmuntata f'faċilità awtorizzata għat-trattament, speċjalment għal partijiet u komponenti li jeħtieġ li jitneħħew qabel ma l-vettura titqatta' skont l-Artikolu 30;	(ii) il-ħin meħtieġ biex il-vettura tiġi żmuntata f'faċilità awtorizzata għat-trattament ***jew minn operaturi tal-modifika retroattiva, tat-tiswija u tal-manutenzjoni***, speċjalment għal partijiet u komponenti li ***jeħtieġ li jkunu jistgħu jissewwew, jitneħħew u jiġu sostitwiti skont l-Artikolu 7, u li*** jeħtieġ li jitneħħew qabel ma l-vettura titqatta' skont l-Artikolu 30;

Or. en

Emenda 1136
Jonas Sjöstedt, Luke Ming Flanagan

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) il-ħin meħtieġ biex il-vettura tiġi żmuntata f'faċilità awtorizzata għat-trattament, speċjalment għal partijiet u komponenti li jeħtieġ li jitneħħew qabel ma l-vettura titqatta' skont l-Artikolu 30;	(ii) il-ħin meħtieġ biex il-vettura tiġi żmuntata f'faċilità awtorizzata għat-trattament ***jew minn operaturi tat-tiswija, tal-modifika retroattiva u tal-manutenzjoni***, speċjalment għal partijiet u komponenti li ***jeħtieġ li jkunu jistgħu jissewwew, jitneħħew u jiġu sostitwiti skont l-Artikolu 7, u li*** jeħtieġ li jitneħħew qabel ma l-vettura titqatta' skont l-Artikolu 30;

Or. en

Emenda 1137
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, bħal adeżivi, plastik kompost, jew materjali msaħħa bil-karbonju;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-enfasi għandha tkun fuq kriterji speċifiċi bħall-kontenut riċiklat u r-rati ta' Rkupru, Riċiklaġġ, u Riużu. Billi dawn il-kriterji jiġu limitati għal dawn il-fatturi, il-manifatturi u l-konsumaturi jistgħu jiġu inċentivatibiex jużaw batteriji b'kontenut għoli riċiklat u proċessi effiċjenti ta' riċiklaġġ. Dan l-approċċ jippromwovi s-sostenibbiltà u jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' prattiki li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.

Emenda 1138
Andreas Glück, Svenja Hahn, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, bħal adeżivi, plastik kompost, jew materjali msaħħa bil-karbonju;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-materjali elenkati ma jipprevjenux ir-riċiklaġġ ta' kwalità għolja permezz tar-riċiklaġġ kimiku.

Emenda 1139
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, bħal adeżivi, plastik kompost, jew materjali msaħħa bil-karbonju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1140
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, bħal adeżivi, plastik kompost, jew materjali msaħħa bil-karbonju;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1141
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, bħal adeżivi, plastik	***imħassar***

kompost, jew materjali msaħħa bil-karbonju;

Or. en

Emenda 1142
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, bħal adeżivi, plastik kompost, jew materjali msaħħa bil-karbonju;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji għall-modulazzjoni tat-tariffi għandhom ikunu limitati għall-kontenut riċiklat u r-rati RRR (Irkupru, Riċiklaġġ, u Riużu).

Emenda 1143
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, bħal adeżivi, plastik kompost, jew materjali msaħħa bil-karbonju;	(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, bħal adeżivi, plastik kompost ***u mimli***, ***fibra tal-ħġieġ*** jew materjali msaħħa bil-karbonju***, jew li jillimitaw il-kapaċità teknika tal-materjal li jiġi użat faċilment fil-manifattura tal-istess komponent f'diversi okkażjonijiet sussegwenti***;

Or. en

Emenda 1144
Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, bħal adeżivi, plastik kompost, jew materjali msaħħa bil-karbonju;	(e) ***it-tnaqqis tas-***sehem ta' materjali u ***l-evitar ta'*** sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, bħal adeżivi, plastik kompost ***u mimli***, ***fibra tal-ħġieġ*** jew materjali msaħħa bil-karbonju;

Or. en

Emenda 1145
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, bħal adeżivi, plastik kompost, jew materjali msaħħa bil-karbonju;	(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, bħal adeżivi, plastik kompost ***u mimli***, ***fibra tal-ħġieġ*** jew materjali msaħħa bil-karbonju;

Or. en

Emenda 1146
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li	(e) is-sehem ta' materjali u sustanzi li

jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja, ***bħal adeżivi, plastik kompost, jew materjali msaħħa bil-karbonju***;	jipprevjenu proċess ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja;

Or. en

Emenda 1147
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) il-perċentwal ta' partijiet użati;

Or. en

Emenda 1148
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) il-perċentwal ta' partijiet użati mill-ġdid;

Or. en

Emenda 1149
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-preżenza u l-ammont ta' sustanzi msemmija fl-Artikolu 5(2).	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kriterji għall-modulazzjoni tat-tariffi għandhom ikunu limitati għall-kontenut riċiklat u r-rati RRR (Irkupru, Riċiklaġġ, u Riużu).

Emenda 1150
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-preżenza u l-ammont ta' sustanzi msemmija fl-Artikolu 5(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1151
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-preżenza u l-ammont ta' sustanzi msemmija fl-Artikolu 5(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1152
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-preżenza u l-ammont ta' sustanzi msemmija fl-Artikolu 5(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1153
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-preżenza u l-ammont ta' sustanzi msemmija fl-Artikolu 5(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1154
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-preżenza u l-ammont ta' sustanzi msemmija fl-Artikolu 5(2).	(g) il-preżenza u l-ammont ta' ***kwalunkwe*** sustanzi ***ta' tħassib;***

Or. en

Emenda 1155
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-preżenza u l-ammont ta' ***sustanzi msemmija fl-Artikolu 5(2).***	(g) il-preżenza u l-ammont ta' ***kwalunkwe sustanza ta' tħassib.***

Or. en

Emenda 1156
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) l-impatti ambjentali u l-użu tar-riżorsi mill-produzzjoni tal-vetturi u l-ġestjoni tagħhom meta ma jibqgħux jintużaw ibbażati fuq il-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja msemmija fil-Parti A tal-Anness IV.

Or. en

Emenda 1157
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt gb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(gb) l-impatti ambjentali u tal-produzzjoni tal-vetturi u t-trattament tagħhom meta ma jibqgħux jintużaw bbażati fuq il-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja msemmija fil-Parti A tal-Anness IV.

Or. en

Emenda 1158
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. F'każ ta' esportazzjoni ta' vettura barra minn Stat Membru, l-

organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi rispettiva għal vetturi f'dak l-Istat Membru għandha tikkumpensa lill-produttur kif xieraq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 20(1), il-produtturi, inklużi l-importaturi professjonali ta' karozzi użati (l-Artikolu 3(22)), għandhom iħallsu tariffa ta' riċiklaġġ meta jqiegħdu vettura fis-suq. Matul il-ħajja tagħha, vettura tista' ġġarrab diversi tariffi madwar l-Istati Membri u tista' tiġi esportata barra mill-UE. Il-produtturi jridu jiġu kkumpensati għat-tariffi mħallsa lill-PROs għal vetturi esportati biex jiġu prevenuti ħlasijiet doppji u jiġi evitat il-finanzjament tar-riċiklaġġ għal vetturi li mhux se jidħlu fil-katina tat-trattament tal-UE.

Emenda 1159
Anne-Sophie Frigout

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-modulazzjoni tat-tariffi relatati mar-responsabbiltà estiża tal-produttur issir skont id-daqs tal-kumpaniji sabiex ma jiġux ippenalizzati b'mod sproporzjonat l-SMEs u l-mid-caps Ewropej fis-settur awtomobilistiku.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Hemm ir-riskju li r-rekwiżiti l-ġodda għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji fil-qasam tar-responsabbiltà estiża jkunu ta' piż kbir fuq in-negozji ż-żgħar, b'mod partikolari fuq is-sottokuntratturi u l-manifatturi tat-tagħmir. Il-modulazzjoni tat-tariffi hija meħtieġa sabiex innisġa industrijali Ewropea kollha ma tiddgħajjifx.

Emenda 1160
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta ***atti delegati*** f'konformità mal-Artikolu ***50 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu*** regoli dettaljati dwar kif għandhom jiġu applikati l-kriterji previsti fil-paragrafu 1.	2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta ***att ta' implimentazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu ***51(2) biex tistabbilixxi*** regoli dettaljati dwar kif għandhom jiġu applikati l-kriterji previsti fil-paragrafu 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-leġiżlazzjoni sekondarja fl-Artikolu 21(2) għandha tkun att ta' implimentazzjoni biex jiġi żgurat l-involviment tal-Istati Membri u l-applikazzjoni uniformi madwar l-UE. Atti delegati japplikaw għal elementi mhux essenzjali, iżda l-modulazzjoni tat-tariffi hija essenzjali għar-rekwiżiti tal-EPR f'dan l-abbozz ta' regolament, u għalhekk att ta' implimentazzjoni hija l-għażla xierqa.

Emenda 1161
Pascal Arimont

Proposta għal regolament
Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 22	***imħassar***
Mekkaniżmu għall-allokazzjoni tal-kostijiet għall-vetturi li jsiru vetturi li ma għadhomx jintużaw fi Stat Membru ieħor	
1. Meta vettura ssir vettura li ma għadhiex tintuża fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-vettura tkun saret disponibbli fis-suq għall-ewwel darba, il-produttur ta' dik il-vettura jew, fejn tkun maħtura skont l-Artikolu 18, l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha tiżgura li jkunu koperti l-kostijiet netti tal-operazzjonijiet tal-immaniġġar tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 20 imġarrba mill-	

operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fi Stati Membri oħra.

2. Produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha:

(a) taħtar b'mandat bil-miktub rappreżentant maħtur għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru;

(b) tistabbilixxi mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transfruntiera mal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu operazzjonijiet ta' mmaniġġar tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 20.

3. L-Istat Membru fejn il-vettura tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża għandu jimmonitorja l-konformità tal-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mal-paragrafi 1 u 2. Il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq l-informazzjoni rrapportata u vverifikata mill-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, b'mod partikolari dwar il-kalkolu u l-allokazzjoni tal-kostijiet għall-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw imsemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-kunfidenzjalità kummerċjali u thassib ieħor dwar il-kompetittività.

4. Fejn meħtieġ biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan l-Artikolu u tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq uniku, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-obbligi tal-produtturi, tal-Istati Membri u tal-

operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u l-karatteristiċi tal-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1162
Katri Kulmuni, Maria Guzenina, Anna-Maja Henriksson, Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 22	***imħassar***
Mekkaniżmu għall-allokazzjoni tal-kostijiet għall-vetturi li jsiru vetturi li ma għadhomx jintużaw fi Stat Membru ieħor	
1. Meta vettura ssir vettura li ma għadhiex tintuża fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-vettura tkun saret disponibbli fis-suq għall-ewwel darba, il-produttur ta' dik il-vettura jew, fejn tkun maħtura skont l-Artikolu 18, l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha tiżgura li jkunu koperti l-kostijiet netti tal-operazzjonijiet tal-immaniġġar tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 20 imġarrba mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fi Stati Membri oħra.	
2. Produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha:	
(a) taħtar b'mandat bil-miktub rappreżentant maħtur għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru;	
(b) tistabbilixxi mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transfruntiera mal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu operazzjonijiet ta' mmaniġġar tal-	

iskart imsemmija fl-Artikolu 20.

3. L-Istat Membru fejn il-vettura tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża għandu jimmonitorja l-konformità tal-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mal-paragrafi 1 u 2. Il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq l-informazzjoni rrapportata u vverifikata mill-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, b'mod partikolari dwar il-kalkolu u l-allokazzjoni tal-kostijiet għall-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw imsemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-kunfidenzjalità kummerċjali u tħassib ieħor dwar il-kompetittività.

4. Fejn meħtieġ biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan l-Artikolu u tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq uniku, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-obbligi tal-produtturi, tal-Istati Membri u tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u l-karatteristiċi tal-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 1163
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mekkaniżmu għall-allokazzjoni tal-kostijiet għall-vetturi li jsiru vetturi li ma għadhomx jintużaw fi Stat Membru ieħor	Mekkaniżmu għall-allokazzjoni tal-kostijiet għall-vetturi li jsiru vetturi li ma għadhomx jintużaw fi Stat Membru ieħoru ***u f'pajjiżi terzi***

Or. en

Emenda 1164
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta vettura ssir vettura li ma għadhiex tintuża fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-vettura tkun saret disponibbli fis-suq għall-ewwel darba, il-produttur ta' dik il-vettura jew, fejn tkun maħtura skont l-Artikolu 18, l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha tiżgura li jkunu koperti l-kostijiet netti tal-operazzjonijiet tal-immaniġġar tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 20 imġarrba mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fi Stati Membri oħra.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-abbozz tal-proposta joħloq burokrazija eċċessiva mingħajr benefiċċji ambjentali. Skont l-Artikolu 3(22), il-produtturi jinkludu manifatturi, importaturi, u distributuri, li jestendu għal importaturi professjonali ta' karozzi użati. Dan ikun jeħtieġ li l-produtturi kollha jistabbilixxu sistemi individwali biex joħolqu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transfruntiera madwar l-Istati Membri.

Emenda 1165
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta vettura ssir vettura li ma għadhiex tintuża fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-vettura tkun ***saret disponibbli fis-suq għall-ewwel darba***, il-produttur ta' dik il-vettura jew, fejn tkun maħtura skont l-Artikolu ***18***, l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha tiżgura li jkunu koperti l-kostijiet netti tal-operazzjonijiet tal-immaniġġar tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 20 imġarrba mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fi Stati Membri oħra.	1. Meta vettura ssir vettura li ma għadhiex tintuża fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-vettura tkun ***ġiet reġistrata***, il-produttur ta' dik il-vettura jew, fejn tkun maħtura skont l-Artikolu ***17***, l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha tiżgura li jkunu koperti l-kostijiet netti tal-operazzjonijiet tal-immaniġġar tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 20 imġarrba mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fi Stati Membri oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom isegwu l-prinċipju ġeografiku tal-ħlas – fejn il-vettura hija rreġistrata. Jista' jkun hemm sitwazzjonijiet meta l-vettura ssir vettura li m'għadhiex tintuża fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun ġiet irreġistrata l-vettura, jiġifieri meta jseħħ inċident fi Stat Membru ieħor u t-trattament tal-vettura jrid iseħħ f'dak l-Istat Membru.

Emenda 1166
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha:	***imħassar***
(a) taħtar b'mandat bil-miktub rappreżentant maħtur għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull	

Stat Membru;

(b) tistabbilixxi mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transfruntiera mal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu operazzjonijiet ta' mmaniġġar tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 20.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-abbozz tal-proposta joħloq burokrazija eċċessiva mingħajr benefiċċji ambjentali. Skont l-Artikolu 3(22), il-produtturi jinkludu manifatturi, importaturi, u distributuri, li jestendu għal importaturi professjonali ta' karozzi użati. Dan ikun jeħtieġ li l-produtturi kollha jistabbilixxu sistemi individwali biex joħolqu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transfruntiera madwar l-Istati Membri.

Emenda 1167
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu ***18***, organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha:	2. Produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu ***17,*** organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha:

Or. en

Emenda 1168
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) taħtar b'mandat bil-miktub rappreżentant maħtur għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru;	(a) taħtar b'mandat bil-miktub rappreżentant ***awtorizzat*** għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru;

Or. en

Emenda 1169
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istat Membru fejn il-vettura tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża għandu jimmonitorja l-konformità tal-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mal-paragrafi 1 u 2. Il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq l-informazzjoni rrapportata u vverifikata mill-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, b'mod partikolari dwar il-kalkolu u l-allokazzjoni tal-kostijiet għall-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw imsemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-kunfidenzjalità kummerċjali u thassib ieħor dwar il-kompetittività.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-abbozz tal-proposta joħloq burokrazija eċċessiva mingħajr benefiċċji ambjentali. Skont l-Artikolu 3(22), il-produtturi jinkludu manifatturi, importaturi, u distributuri, li jestendu għal importaturi professjonali ta' karozzi użati. Dan ikun jeħtieġ li l-produtturi kollha jistabbilixxu sistemi individwali biex joħolqu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transfruntiera madwar l-Istati Membri.

Emenda 1170
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istat Membru fejn il-vettura tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża għandu jimmonitorja l-konformità tal-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu ***18***, tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mal-paragrafi 1 u 2. Il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq l-informazzjoni rrapportata u vverifikata mill-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu ***18***, mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, b'mod partikolari dwar il-kalkolu u l-allokazzjoni tal-kostijiet għall-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw imsemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-kunfidenzjalità kummerċjali u tħassib ieħor dwar il-kompetittività.	3. L-Istat Membru fejn il-vettura tkun saret vettura li ma għadhiex tintuża għandu jimmonitorja l-konformità tal-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu ***17***, tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mal-paragrafi 1 u 2. Il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq l-informazzjoni rrapportata u vverifikata mill-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu ***17***, mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, b'mod partikolari dwar il-kalkolu u l-allokazzjoni tal-kostijiet għall-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw imsemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-kunfidenzjalità kummerċjali u tħassib ieħor dwar il-kompetittività.

Or. en

Emenda 1171
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn meħtieġ biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan l-Artikolu u tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq uniku, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament billi tistabbilixxi	***imħassar***

regoli dettaljati dwar l-obbligi tal-produtturi, tal-Istati Membri u tal-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u l-karatteristiċi tal-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-abbozz tal-proposta joħloq burokrazija eċċessiva mingħajr benefiċċji ambjentali. Skont l-Artikolu 3(22), il-produtturi jinkludu manifatturi, importaturi, u distributuri, li jestendu għal importaturi professjonali ta' karozzi użati. Dan ikun jeħtieġ li l-produtturi kollha jistabbilixxu sistemi individwali biex joħolqu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transfruntiera madwar l-Istati Membri.

Emenda 1172
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fejn vettura li m'għadhiex tintuża tiġi trasportata fuq l-ilma mill-Unjoni lejn pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 36, l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha tiżgura li l-ispejjeż netti tal-operazzjonijiet tal-immaniġġar tal-iskart imsemmija fl-Artikolu 20 imġarrba mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart fil-pajjiż terz ikunu koperti.* ***Sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-aħħar jum tax-xahar wara 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-istabbiliment ta' regoli dettaljati għall-ħlas mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi tal-ispejjeż imġarrba mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart f'pajjiżi terzi

msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-UE m'għandhiex tiddelega l-immaniġġar tal-iskart tal-vetturi EOL esportati filwaqt li żżomm it-tariffi maħsuba biex dan jiġi mħallas. Dan ikun partikolarment inġust għall-pajjiżi bi dħul baxx u medju li jistgħu ma jkollhomx l-infrastruttura biex jimmaniġġaw il-perikli ambjentali assoċjati mal-immaniġġar ta' prodotti kumplessi bħal dawn.

Emenda 1173
Radan Kanev

Proposta għal regolament
Artikolu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 22a
	Mekkaniżmu għall-allokazzjoni tar-responsabbiltà finanzjarja għal vetturi reġistrati
	1. Meta vettura tiġi reġistrata fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-vettura tkun saret disponibbli fis-suq għall-ewwel darba, il-produttur ta' dik il-vettura jew, fejn tkun maħtura skont l-Artikolu 17, l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha tiżgura li jiġu mħallsa l-kontribuzzjonijiet finanzjarji relatati ma' dik il-vettura u definiti skont l-Artikolu 20 u l-Artikolu 21 fl-Istat Membru fejn il-vettura hija reġistrata.
	2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 17, organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha:
	(a) taħtar b'mandat bil-miktub rappreżentant awtorizzat maħtur għar-responsabbiltà estiża tal-produttur f'kull Stat Membru;

(b) tistabbilixxi mekkaniżmi ta' kooperazzjoni transfruntiera mal-produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, mal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi fit-territorju tal-Istat Membru fejn tkun reġistrata l-vettura skont il-paragrafu 1.

3. L-Istat Membru fejn il-vettura tkun ġiet reġistrata għandu jimmonitorja l-konformità tal-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 17, tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mal-paragrafi 1 u 2. Il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq l-informazzjoni rrapportata u vverifikata mill-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 17, mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, b'mod partikolari dwar il-kalkolu u l-allokazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji relatati mal-vetturi reġistrati msemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-kunfidenzjalità kummerċjali u tħassib ieħor dwar il-kompetittività.

Or. en

Ġustifikazzjoni

il-prinċipju ġeografiku tal-ħlas tat-tariffa: meta vettura tkun irreġistrata fit-territorju ta' Stat Membru partikolari, allura t-tariffa korrispondenti stabbilita minn dak l-Istat Membru trid titħallas. L-Istati Membri kollha għandu jkollhom ukoll opportunitajiet u dmirijiet ugwali u ġusti skont ir-Regolament. L-Istati Membri bi flotta akbar li tikkonsisti minn vetturi importati użati m'għandhomx isiru dipendenti fuq Stati Membri oħra jew organizzazzjonijiet li mhumiex irreġistrati fit-territorju tagħhom.

Emenda 1174
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1 Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li l-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jkunu qiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru jiġu miġbura.

Or. en

Emenda 1175
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.	L-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 1176
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-produtturi jew, fejn ***maħtura f'konformità mal-Artikolu*** 18, l-organizzazzjonijiet ***b'kompetenza fil-qasam*** tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, ***għall-vetturi*** kollha li ma għadhomx jintużaw li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi ***li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni*** għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.	Il-produtturi jew, fejn ***innominati skont l-Artikolu*** 18, l-organizzazzjonijiet tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, ***bil-għan li jsir trasport lejn impjant ta' trattament awtorizzat tal-vetturi*** kollha li ma għadhomx jintużaw li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. it

Emenda 1177
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.	L-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 1178
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.	***Għal dan il-għan, il-produttur*** jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 1179
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw ***li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi*** li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.	Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 1180
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw ***li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi*** li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.	Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 1181
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw ***li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi*** li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.	Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 1182
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw ***li jappartjenu għall-kategoriji ta' vetturi*** li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.	Il-produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur għandhom jistabbilixxu, jew jipparteċipaw fl-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir, inklużi punti ta' ġbir, għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw li jkunu qiegħdu għad-dispożizzjoni għall-ewwel darba fis-suq fit-territorju ta' Stat Membru.

Or. en

Emenda 1183
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***l-produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18,*** l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur jistabbilixxu sistemi ta' ġbir għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw.	L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur jistabbilixxu sistemi ta' ġbir għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1184
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet ***b'kompetenza fil-qasam*** tar-responsabbiltà tal-produtturi jistabbilixxu sistemi ta' ġbir għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw.	L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet tar-responsabbiltà tal-produtturi jistabbilixxu sistemi ta' ġbir għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw.

Or. it

Emenda 1185
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Faċilitajiet ta' trattament u punti ta' ġbir awtorizzati biss li għandhom kuntratt mal-produttur jew, fejn maħtura skont l-Artikolu 18, mal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi , u li ma jiġux sospiżi wara spezzjoni skont l-Artikolu 46, jitħallew jiġbru vetturi li m'għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1186
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Faċilitajiet ta' trattament u punti ta' ġbir awtorizzati biss li għandhom kuntratt mal-produttur jew, fejn maħtura skont l-

Artikolu 18, mal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi , u li ma jiġux sospiżi wara spezzjoni skont l-Artikolu 46, jitħallew jiġbru vetturi li m'għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1187
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Faċilitajiet ta' trattament u punti ta' ġbir awtorizzati biss li għandhom kuntratt mal-produttur jew, fejn maħtura skont l-Artikolu 18, mal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi , u li ma jiġux sospiżi wara spezzjoni skont l-Artikolu 46, jitħallew jiġbru ELVs.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-produtturi għandhom ikunu responsabbli biss għall-vetturi li jqiegħdu fis-suq, mhux il-vetturi tal-kompetituri. Kuntratti obbligatorji bejn il-produtturi/PROs u l-faċilitajiet tat-trattament jiżguraw immaniġġar xieraq tal-iskart. Il-liġijiet attwali jippermettu operaturi mhux kuntrattati, li jimmina l-EPR. Regola uniformi tal-UE għandha tiċċara li faċilitajiet ikkuntrattati biss jistgħu jiġbru u jittrattaw vetturi li m'għadhomx jintużaw, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità ambjentali u mmaniġġar effettiv tal-iskart.

Emenda 1188
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1 – subparagrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Faċilitajiet ta' trattament u punti ta' ġbir awtorizzati biss li għandhom kuntratt mal-produttur jew, fejn maħtura skont l-Artikolu 18, mal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi , u li ma jiġux sospiżi wara spezzjoni skont l-Artikolu 46, jitħallew jiġbru vetturi li m'għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1189
Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Minn ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-assigurazzjoni għall-vetturi għandha titħallas mill-aħħar sid tal-vettura sakemm il-vettura li m'għadhiex tintuża tingħadda lil faċilità ta' trattament awtorizzata. Meta jsir it-trasferiment, jinħareġ ċertifikat tal-qerda li jservi għall-aħħar sid bħala prova lill-kumpanija tal-assigurazzjoni biex twaqqaf il-ħlas tat-tariffi tal-assigurazzjoni.
	Il-kumpaniji tal-assigurazzjoni għandhom jipprovdu fuq bażi ta' kull xahar lista lill-awtoritajiet kompetenti ta' vetturi li għalihom ikunu rċevew iċ-ċertifikat tal-qerda mingħand l-aħħar sid.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Every year, millions of cars "disappear" in Europe. These '"missing cars", end up in illegal circuits or, when no no longer roadworthy, take up valuable space, pose safety and environmental risks and are not being recycled to retrieve valuable resources. More needs to be done to ensure proper collection and handling of end-of-life vehicles to get them off our roads or out of illegal hands. Financial incentives, such as insurance fees that continue until the vehicle is handed over to an authorised treatment facility, can be one solution for this.The insurance companies should then, each month, provide a list to the competent authorities of these vehicles for which they have received the certificate of destruction so monitoring and tracking can take place.

Emenda 1190
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri addizzjonali biex jiżguraw li jinħolqu inċentivi effettivi għall-aħħar sid biex jirritorna l-vettura li m'għadhiex tintuża bil-mod korrett.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kif iddikjarat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Ewropea "Evalwazzjoni tad-Direttiva (KE) 2000/53 tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (SWD (2021) 61 final), madwar 4 miljun vettura li m'għadhomx jintużaw huma mhux magħrufa fl-Unjoni Ewropea kull sena. Għalhekk huma meħtieġa miżuri addizzjonali biex jiġi żgurat li l-vetturi li m'għadhomx jintużaw jintremew b'mod korrett.

Emenda 1191
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-***	2. ***L-organizzazzjonijiet*** b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà

organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' ġbir imsemmija fil-paragrafu 1:	tal-produtturi għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' ġbir imsemmija fil-paragrafu 1:

Or. en

Emenda 1192
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;	(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament ***u punti ta' ġbir*** awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;

Or. en

Emenda 1193
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;	(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament ***jew punti ta' ġbir*** awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;

Or. en

Emenda 1194
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;	(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament ***jew punti ta' ġbir*** awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa kruċjali li tiġi żgurata disponibbiltà adegwata ta' punti ta' ġbir biex jiġi żgurat li l-aħħar sidien ta' vettura jkunu jistgħu jirritornaw l-ELV f'punt ta' ġbir.

Emenda 1195
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;	(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament ***jew punti ta' ġbir*** awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;

Or. en

Emenda 1196
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;	(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament ***jew punti ta' ġbir*** awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;

Or. en

Emenda 1197
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;	(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament ***jew punti ta' ġbir*** awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;

Or. en

Emenda 1198
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli***;***	(b) jiżguraw disponibbiltà adegwata ta' faċilitajiet ta' trattament ***jew punti ta' ġbir*** awtorizzati, filwaqt li jqisu d-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti jkunu l-aktar profittabbli;

Or. en

Emenda 1199
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżguraw il-ġbir ta' partijiet ta' skart mit-tiswijiet tal-vetturi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1200
Viktória Ferenc, Ernő Schaller-Baross

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżguraw il-ġbir ta' partijiet ta' skart mit-tiswijiet tal-vetturi;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-valur tipiku tal-partijiet imneħħija jiżgura l-ipproċessar minn qabel u r-riċiklaġġ tagħhom anke waħedhom, fuq bażi tas-suq. Għalhekk l-inklużjoni fl-EPR mhix ġustifikata toħloq distorsjoni tas-suq. Kwalunkwe limitazzjoni tal-kummerċ ta' spare parts mit-tiswija tillimita serjament is-suq ħieles u ħafna drabi twassal għal distorsjonijiet tas-suq. Irridu nirrikonoxxu li diversi Stati Membri jinterpretaw is-sistema EPR kollha bħala ċans ieħor biex jinjoraw id-drittijiet tal-proprjetà taċ-ċittadini tagħhom stess u l-libertà ekonomika.

Emenda 1201
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżguraw il-ġbir ta' partijiet ta' skart mit-tiswijiet tal-vetturi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1202
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżguraw il-ġbir ta' partijiet ta' skart mit-tiswijiet tal-vetturi;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex ċar kif din suppost li taħdem għal individwi u garaxxijiet indipendenti mingħajr kuntratt jew bażi legali mal-produttur.

Emenda 1203
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżguraw il-ġbir ta' partijiet ta' skart mit-tiswijiet tal-vetturi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1204
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżguraw il-ġbir ta' partijiet ta' skart mit-tiswijiet tal-vetturi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1205
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżguraw il-ġbir ta' partijiet ta' skart mit-tiswijiet tal-vetturi;	(c) jiżguraw il-ġbir ta' partijiet ta' skart mit-tiswijiet tal-vetturi ***u jiżguraw li l-partijiet ta' skart u partijiet oħrajn jinħażnu separatament***;

Or. en

Emenda 1206
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jippermettu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ta' kull marka, irrispettivament mill-oriġini tagħhom;	(ii) jippermettu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***li jkunu għamlu disponibbli fis-suq*** ta' kull marka, irrispettivament mill-oriġini tagħhom;

Or. en

Emenda 1207
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jippermettu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***ta' kull marka***, irrispettivament mill-oriġini tagħhom;	(ii) jippermettu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***li jkunu għamlu disponibbli fis-suq***, irrispettivament mill-oriġini tagħhom;

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'għandux ikun mistenni li l-produtturi jiffinanzjaw ir-rimi ta' partijiet li ma jkunux poġġew fis-suq huma stess. Il-manifatturi għandhom ikunu responsabbli biss għall-ġbir tal-marki tagħhom stess u mhux ta' kull marka.

Emenda 1208
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jippermettu l-ġbir ta' vetturi li ma	(ii) ***jiżguraw*** il-ġbir ta' vetturi li ma

għadhomx jintużaw ***ta' kull marka,*** irrispettivament mill-oriġini tagħhom;	għadhomx jintużaw ***li jkunu għamlu disponibbli fis-suq***, irrispettivament mill-oriġini tagħhom;

Or. en

Emenda 1209
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jippermettu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***ta' kull marka,*** irrispettivament mill-oriġini tagħhom;	(ii) ***jiżguraw*** il-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***li jkunu għamlu disponibbli fis-suq***, irrispettivament mill-oriġini tagħhom;

Or. en

Emenda 1210
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jippermettu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***ta' kull marka***, irrispettivament mill-oriġini tagħhom;	(ii) jippermettu l-ġbir ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***li jkunu għamlu disponibbli fis-suq***, irrispettivament mill-oriġini tagħhom;

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'mod korrispondenti għall-proposta ta' emenda li tikkonċerna l-Artikolu 23(1), ir-responsabbiltà għandha tkun biss għall-vetturi li jsiru disponibbli fis-suq u għalhekk il-formulazzjoni fil-punt (d) jeħtieġ li tiġi adattata skont dan.

Emenda 1211
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jippermettu ***l-konsenja*** tal-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw mingħajr ħlas ***f'faċilitajiet*** ta' trattament awtorizzati kif previst fl-Artikolu 24(2).	(e) jippermettu ***l-aċċettazzjoni*** tal-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw mingħajr ħlas ***minn faċilitajiet*** ta' trattament u ***punti ta' ġbir*** awtorizzati kif previst fl-Artikolu 24(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Faċilitajiet Awtorizzati ta' Trattament (ATFs) għandhom ikunu meħtieġa jaċċettaw vetturi li ma għadhomx jintużaw mingħajr ħlas.

Emenda 1212
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jippermettu l-konsenja tal-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw mingħajr ħlas f'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati kif previst fl-Artikolu 24(2).	(e) jippermettu l-konsenja tal-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw mingħajr ħlas f'***punti ta' ġbir jew*** faċilitajiet ta' trattament awtorizzati kif previst fl-Artikolu 24(2).

Or. en

Emenda 1213
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur għandhom iwettqu kampanji edukattivi li jippromwovu s-sistema ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jinfurmaw dwar il-konsegwenzi ambjentali tal-ġbir u l-immaniġġar mhux xieraq ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.	3. Il-produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur għandhom ***jippubblikaw u jaġġornaw regolarment il-lista ta' punti ta' ġbir u faċilitajiet ta' trattament awtorizzati fuq is-siti web tagħhom u*** jwettqu kampanji edukattivi li jippromwovu s-sistema ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jinfurmaw dwar il-konsegwenzi ambjentali tal-ġbir u l-immaniġġar mhux xieraq ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1214
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 18, l-organizzazzjonijiet*** b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur għandhom iwettqu kampanji edukattivi li jippromwovu s-sistema ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jinfurmaw dwar il-konsegwenzi ambjentali tal-ġbir u l-immaniġġar mhux xieraq ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.	3. ***L-organizzazzjonijiet*** b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produttur għandhom iwettqu kampanji edukattivi li jippromwovu s-sistema ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw u li jinfurmaw dwar il-konsegwenzi ambjentali tal-ġbir u l-immaniġġar mhux xieraq ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1215
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw.	L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw***, f'każijiet biss li fihom ikun hemm evidenza fil-livell nazzjonali li l-faċilitajiet eżistenti awtorizzati għat-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw (dawk li jwettqu t-tkissir) ma humiex biżżejjed għar-rimi ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw. L-operatur tal-immaniġġar tal-iskart li jamministra l-punt tal-ġbir jeħtieġlu:***

Or. it

Emenda 1216
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ***lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart*** għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw.	L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw ***lill-punti ta' ġbir*** għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw ***għall-finijiet tat-trasport tagħhom lejn faċilità awtorizzata***. ***Il-punti tal-ġbir għandhom jiksbu permess mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/98/KE u għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:***

Or. en

Emenda 1217
Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għajr ***il-faċilitajiet awtorizzati*** ta' trattament biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw.	***Faċilità*** għajr ***faċilità awtorizzata*** ta' trattament ***li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu għandha tikkwalifika bħala operatur tal-immaniġġar tal-iskart għall-finijiet ta' dan ir-Regolament***. ***L-Istati Membri għandhom jivverifikaw jekk tali faċilità tissodisfax il-kundizzjonijiet speċifikati u jikkonfermaw l-awtorizzazzjoni tagħha.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tiżgura ċ-ċarezza legali billi tiddikjara b'mod espliċitu li l-faċilitajiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għandhom jiġu rikonoxxuti bħala operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, u b'hekk tiżdied il-kompetizzjoni u jinfetaħ dak is-suq. Din issaħħaħ ukoll ir-rwol tal-Istati Membri fil-verifika tal-konformità u l-konferma formali tal-awtorizzazzjoni, u ssaħħaħ is-sorveljanza regolatorja.

Emenda 1218
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw.	***Fil-każijiet fejn ma jkun hemm l-ebda faċilità awtorizzata ta' trattament li tkun qed toffri s-servizz ta' ġbir,*** l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. es

Emenda 1219
Susana Solís Pérez, Pablo Arias Echeverría, Pilar del Castillo Vera

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw.	***F'każijiet eċċezzjonali, għal territorji iżolati ferm fejn ma hemm ebda faċilità awtorizzata ta' trattament li tipprovdi s-servizz ta' ġbir,*** l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-punti tal-ġbir għandhom ikunu limitati għal każijiet eċċezzjonali li fihom l-ebda ATF ma jkopri l-ġbir u t-trattament tal-ELVs. Din iċ-ċifra tista' tbiddel radikalment il-katina ta' trattament attwali u tirrappreżenta tnaqqis kbir fil-protezzjoni tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.

Emenda 1220
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament ***biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal*** vetturi li ma għadhomx jintużaw.	***Punti ta' ġbir*** għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament ***jistgħu jiġbru*** vetturi li ma għadhomx jintużaw. ***Il-punti tal-ġbir għandhom jiksbu permess mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/98/KE u għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak il-permess:***

Or. en

Emenda 1221
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***jistgħu*** jawtorizzaw lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw.	L-Istati Membri ***għandhom*** jawtorizzaw lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1222
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***jistgħu*** jawtorizzaw lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw.	L-Istati Membri ***għandhom*** jawtorizzaw lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għajr il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biex jistabbilixxu punti ta' ġbir għal vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1223
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operatur tal-immaniġġar tal-iskart li jopera l-punt tal-ġbir għandu:	***imħassar***
(a) jiżgura li l-punt tal-ġbir jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-ħżin ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, stabbiliti fil-Parti	

A tal-Anness VII;

(b) ikun awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 14 biex jiġbor vetturi li ma għadhomx jintużaw u jkun irreġistrat fir-reġistru rispettiv;

(c) jiggarantixxi li l-vetturi kollha miġbura li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrasferiti lejn faċilità ta' trattament awtorizzata fi żmien sena minn meta jirċievu l-vettura li ma għadhiex tintuża; u

(ii) jissodisfa l-kundizzjonijiet applikabbli l-oħra kollha għall-ħżin tal-iskart stabbiliti fil-liġi nazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjoni biex il-produtturi/PROs jitħallew jistabbilixxu punti ta' ġbir għandha tkun standard għall-UE kollha, u mhux titħalla f'idejn l-Istati Membri. L-Artikolu 23(1) jappoġġa dan billi jippermetti lill-produtturi jinkludu punti ta' ġbir f'sistemi ta' teħid lura, u jiżgura approċċ aktar faċli għall-konsumatur. Bħal f'liġijiet oħra tal-EPR tal-UE, id-distributuri għandhom ikunu involuti wkoll, li jippermetti lill-produtturi/PROs jistabbilixxu punti ta' ġbir permezz tan-negozjanti tagħhom, biex b'hekk tiġi żgurata sistema ta' ġbir effiċjenti u estensiva.

Emenda 1224
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operatur tal-immaniġġar tal-iskart li jopera l-punt tal-ġbir għandu:	***imħassar***

Or. en

Emenda 1225
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżgura ***li l-punt tal-ġbir jissodisfa*** l-kundizzjonijiet għall-ħżin ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, stabbiliti fil-Parti A tal-Anness VII;	(a) jiżgura l-kundizzjonijiet għall-ħżin ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, stabbiliti fil-Parti A tal-Anness VII

Or. en

Emenda 1226
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) iħejji għat-trasferiment tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw li jkunu nġabru lejn faċilitajiet tat-trattament awtorizzati billi jipprevjeni t-tnixxija aċċidentali ta' fluwidi

Or. en

Emenda 1227
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiggarantixxi li l-vetturi kollha miġbura li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrasferiti lejn faċilità ta' trattament awtorizzata fi żmien sena minn meta jirċievu l-vettura li ma għadhiex tintuża; u	(c) ***(c)*** jiggarantixxi li l-vetturi kollha miġbura li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrasferiti lejn faċilità ta' trattament awtorizzata fi żmien ***30 jum*** minn meta jirċievu l-vettura li ma għadhiex tintuża; u

Or. en

Emenda 1228
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiggarantixxi li l-vetturi kollha miġbura li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrasferiti lejn faċilità ta' trattament awtorizzata fi żmien ***sena*** minn meta jirċievu l-vettura li ma għadhiex tintuża; u	(c) jiggarantixxi li l-vetturi kollha miġbura li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrasferiti lejn faċilità ta' trattament awtorizzata fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievu l-vettura li ma għadhiex tintuża; u

Or. en

Emenda 1229
Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiggarantixxi li l-vetturi kollha miġbura li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrasferiti lejn faċilità ta' trattament awtorizzata fi żmien ***sena*** minn meta jirċievu l-vettura li ma għadhiex tintuża; u	(c) jiggarantixxi li l-vetturi kollha miġbura li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrasferiti lejn faċilità ta' trattament awtorizzata fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievu l-vettura li ma għadhiex tintuża; u

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta wieħed iqis li l-ELVs huma meqjusa bħala skart perikoluż sakemm ma jkunux ġew soġġetti għat-tindif mit-tniġġis, jidher assolutament inkoerenti li, filwaqt li ATF hija meħtieġa biex vettura tiġi mnaddfa mit-tniġġis kemm jista' jkun malajr, dawn il-punti ta' ġbir jitħallew iżommu l-vetturi għal sena mingħajr ma jagħmlu xejn.

Emenda 1230
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiggarantixxi li l-vetturi kollha miġbura li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrasferiti lejn faċilità ta' trattament awtorizzata fi żmien ***sena*** minn meta jirċievu l-vettura li ma għadhiex tintuża; u	(c) jiggarantixxi li l-vetturi kollha miġbura li ma għadhomx jintużaw jiġu ttrasferiti lejn faċilità ta' trattament awtorizzata fi żmien ***30 jum*** minn meta jirċievu l-vettura li ma għadhiex tintuża; u

Or. en

Emenda 1231
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Il-punti ta' ġbir iridu jkunu relatati, b'kuntratt jew bi sjieda, ma' faċilitajiet awtorizzati tat-trattament. Spejjeż żejda, f'każ li jkunu meħtieġa punti ta' ġbir, huma koperti mir-responsabbiltà estiża tal-produttur.

Or. en

Emenda 1232
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jiġu stabbiliti relazzjonijiet kuntrattwali xierqa ma' faċilitajiet ta' trattament awtorizzati biex jiġi żgurat it-trattament sussegwenti ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1233
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jiġu stabbiliti relazzjonijiet kuntrattwali xierqa mal-faċilitajiet awtorizzati biex jiġi żgurat it-trattament xieraq ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1234
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jiżgura li meta jkun hemm 8 vetturi fiċ-ċentri tal-ġbir dawn jeħtiġilhom jintbagħtu lil ATF.

Or. it

Emenda 1235
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, inklużi l-faċilitajiet*** ta' trattament awtorizzati, għandhom joħorġu dokument f'format elettroniku, li jikkonferma l-wasla	5. ***Il-punti ta' ġbir jew il-faċilitajiet*** ta' trattament awtorizzati, għandhom joħorġu dokument f'format elettroniku, li jikkonferma l-wasla ta' vettura li ma

ta’ vettura li ma għadhiex tintuża, lis-sid il-vettura, u jipprovduh permezz ta’ proċedura elettronika ta’ notifika stabbilita f’konformità mal-Artikolu 25(2) lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru, inklużi l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 14.	għadhiex tintuża, lis-sid il-vettura, u jipprovduh permezz ta’ proċedura elettronika ta’ notifika stabbilita f’konformità mal-Artikolu 25(2) lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru, inklużi l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 14.

Or. en

Emenda 1236
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, inklużi l-faċilitajiet*** ta’ trattament awtorizzati, għandhom joħorġu dokument f’format elettroniku, li jikkonferma l-wasla ta’ vettura li ma għadhiex tintuża, lis-sid il-vettura, u jipprovduh permezz ta’ proċedura elettronika ta’ notifika stabbilita f’konformità mal-Artikolu 25(2) lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru, inklużi l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 14.	5. ***Il-faċilitajie***t ta’ trattament awtorizzati ***u l-punti ta’ ġbir***, għandhom joħorġu dokument f’format elettroniku, li jikkonferma l-wasla ta’ vettura li ma għadhiex tintuża, lis-sid il-vettura, u jipprovduh permezz ta’ proċedura elettronika ta’ notifika stabbilita f’konformità mal-Artikolu 25(2) lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru, inklużi l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 14.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-paragrafu għandu jiġi allinjat mal-bidliet introdotti fl-Artikolu 23(4).

Emenda 1237
Katri Kulmuni, Maria Guzenina, Anna-Maja Henriksson, Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri jistgħu jadottaw

miżuri biex jeħtieġu li l-punti ta' ġbir jistgħu jiġbru u jaħżnu temporanjament vetturi li ma għadhomx jintużaw biss b'kooperazzjoni mal-produtturi jew, fejn maħtura skont l-Artikolu 18(1), mal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.

Or. en

Emenda 1238
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament jistgħu jiskambjaw vetturi li ma għadhomx jintużaw biex jiżguraw l-ogħla livell possibbli ta' użu mill-ġdid tal-partijiet. Il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament għandhom jirreġistraw il-kwantità ta' attivitajiet ta' żarmar imwettqa.

Or. en

Emenda 1239
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Huwa possibbli li jiġu skambjati vetturi li ma għadhomx jintużaw bejn faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biex jintlaħaq l-ogħla użu mill-ġdid possibbli tal-partijiet. Faċilitajiet ta' trattament awtorizzati jirreġistraw l-ammont ta' żarmar għall-bilanċ tal-massa u vetturi li ma għadhomx jintużaw jistgħu jinbiegħu

darba biss bejn faċilitajiet awtorizzati ta' trattament.

Or. en

Emenda 1240
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Faċilità awtorizzata ta' trattament jew punt ta' ġbir biss li jaġixxu f'isem faċilità awtorizzata ta' trattament, li għandhom kuntratt magħha, jistgħu joħroġu ċertifikat ta' qerda.

Or. en

Emenda 1241
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Konsenja ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw f'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati	***Il-ġbir*** ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***u l-konsenja*** f'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati

Or. en

Emenda 1242
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw għandhom jiġu kkonsenjati għat-trattament lil faċilitajiet ta' trattament awtorizzati.	1. Il-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw għandhom jiġu kkonsenjati għat-trattament lil faċilitajiet ta' trattament awtorizzati***, u żmuntaturi awtorizzati li jkunu l-ewwel punt ta' dħul***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hemm riskju ta' kondotta ħażina u negliġenza jekk ix-shredder ikun responsabbli għaż-żarmar u t-tneħħija ta' materjali u komponenti li jistgħu jerġgħu jintużaw, riċiklabbli u rimanifatturabbli qabel it-tqattigħ. Għalhekk, il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament għandhom jinqasmu f'żarmaturi u shredders bħala żewġ operaturi separati, u ż-żarmaturi jkunu l-ewwel punt ta' dħul għall-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw. Dan għandu jiġi inkorporat fit-test kollu.

Emenda 1243
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw għandhom jiġu kkonsenjati għat-trattament lil faċilitajiet ta' trattament awtorizzati.	1. Il-vetturi kollha li ma għadhomx jintużaw għandhom jiġu kkonsenjati għat-trattament ***lil punt ta' ġbir jew lil*** faċilità awtorizzata ta' trattament.

Or. en

Emenda 1244
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Operaturi ekonomiċi biss skont l-

Artikolu 3(1), il-punt (22) tar-Regolament (UE) 2023/1542 huma awtorizzati li jneħħu batterija ta' vettura elettrika mill-vettura.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tneħħija ta' batteriji ta' trazzjoni ta' vultaġġ għoli minn ELVs għandha titwettaq biss minn professjonisti mħarrġa, mhux utenti finali, biex jiġu prevenuti riskji għan-nies u għall-ambjent. Is-separazzjoni mhux awtorizzata qabel ġbir kif suppost toħloq perikli ta' sikurezza. It-tneħħija kkontrollata mill-produttur tiżgura l-konformità mar-Regolament dwar il-Batteriji, u tippermetti miri tal-ekonomija ċirkolari bħall-manifattura mill-ġdid u l-irkupru tar-riċiklaġġ.

Emenda 1245
Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, ***ħlief*** il-batterija tal-vettura elettrika, jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.	2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, ***bħall-konvertitur katalitiku, is-sistema tal-motopropulsjoni, ix-xażi, ir-roti, il-batteriji SLI jew*** il-batterija tal-vettura elettrika, jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża. ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament, biex tiddetermina u taġġorna, f'konformità mal-iżviluppi teknoloġiċi, il-listi ta' partijiet u komponenti li jeħtieġ li jkunu preżenti fil-karozza fil-ħin tal-konsenja lill-faċilità ta' trattament awtorizzata, kif ukoll it-tariffi li l-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament jistgħu jitolbu lill-aħħar sidien għal kwalunkwe parti nieqsa.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu protetti l-flussi ta' riżorsi ta' valur u l-funzjonament tajjeb tal-ekonomija ċirkolari tal-UE, il-partijiet u l-komponenti ta' valur, inkluża l-batterija tal-vettura elettrika, jeħtieġ li jkunu preżenti fil-vettura li ma għadhiex tintuża fil-mument li l-karozza tingħadda lill-faċilità awtorizzata ta' trattament. Barra minn hekk, għal raġunijiet ambjentali u ta' sikurezza, u biex jiġi evitat il-kummerċ illegali, dawn il-komponenti għandhom jitneħħew biss minn ħaddiema tas-sengħa u bi proċessi xierqa f'faċilitajiet awtorizzati.

Emenda 1246
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, ħlief il-batterija tal-vettura elettrika, jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.	2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata ***jew f'punt ta' ġbir*** għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti, ***inklużi partijiet tal-vettura li ma jkunux approvati fi proċess ta' approvazzjoni tat-tip bi stadju wieħed għajr il-vettura bażi***, ħlief il-batterija tal-vettura elettrika, jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża. ***Fil-każ ta' batterija ta' vettura elettrika nieqsa, il-konsenja tal-vettura għandha tkun mingħajr ħlas biss jekk l-aħħar sid jagħti prova li l-batterija ġiet mgħoddija lil operatur ekonomiku skont l-Artikolu 3; 1. (22) Ir-Regolament (UE) 2023/1542.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Biex tiġi evitata 'għażla negattiva' fil-każ ta' ELVs f'diversi stadji, għandhom jiġu aċċettati biss vetturi sħaħ, u b'hekk jitrażżan il-bejgħ ta' karrozzerija profitabbli filwaqt li jissottomettu partijiet li jiswew ħafna flus biex jiġu riċiklati. Barra minn hekk, l-Artikolu 26 jordna l-ġbir bla ħlas tal-ELV. Batteriji EV ta' vultaġġ għoli jeħtieġu immaniġġar b'taħriġ; it-tneħħija mhux awtorizzata hija ta' riskju għas-sikurezza u għall-ambjent. Konsenja b'xejn

mingħajr il-batterija hija permessa biss bi prova li ġiet mgħoddija lil operatur awtorizzat skont ir-Regolament (UE) 2023/1542, l-Artikolu 3(1)(22).

Emenda 1247
Silvia Sardone, Roberto Vannacci, Valérie Deloge, Filip Turek, Anne-Sophie Frigout, Matthieu Valet, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura ***sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, ħlief il-batterija tal-vettura elettrika, jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża***.	2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità awtorizzata ta' trattament ***jew f'punt ta' ġbir*** għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura.

Or. en

Emenda 1248
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-konsenja*** ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, ħlief il-batterija tal-vettura elettrika, jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.	2. ***Il-ġbir mill-aħħar detentur*** ta' vettura li ma għadhiex tintuża ***u l-konsenja*** f'faċilità awtorizzata ta' trattament ***jew f'punt ta' ġbir*** għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, ħlief il-batterija tal-vettura elettrika, jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Emenda 1249
Andreas Glück, Svenja Hahn, Christine Singer, Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, ***ħlief il-batterija tal-vettura elettrika,*** jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.	2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Batterija ta' vettura elettrika fiha materjali perikoluż u t-tneħħija tagħhom għalhekk teħtieġ persunal imħarreġ. Barra minn hekk, il-batterija tal-vettura elettrika hija l-aktar parti ta' valur ta' EV li ma għadhiex tintuża u għalhekk hija essenzjali li l-faċilità awtorizzata ta' trattament tiżgura trattament profitabbli.

Emenda 1250
Andreas Schwab

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura***, ħlief il-batterija tal-vettura elettrika,*** jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.	2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Emenda 1251
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, ***ħlief il-batterija tal-vettura elettrika,*** jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.	2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Emenda 1252
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura***, ħlief il-batterija tal-vettura elettrika,*** jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.	2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Emenda 1253
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, ***ħlief il-batterija tal-vettura elettrika,*** jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.	2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 24(2), ir-ritorn ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità għall-immaniġġar tal-iskart approvata huwa mingħajr ħlas għall-aħħar sid, sakemm ma jkunux neqsin partijiet essenzjali tal-vettura. Madankollu, dan ir-regolament ma japplikax jekk il-batterija ta' vettura elettrika qadima tkun nieqsa (jiġifieri huwa possibbli li vettura elettrika qadima titwassal mingħajr ħlas lil impjant ta' riċiklaġġ anki mingħajr batterija ta' trazzjoni). Dan jista' jwassal għal prattiki ta' rtirar illegali, li jirriżulta f'suq mhux regolat għal dan it-tip ta' batterija.

Emenda 1254
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura***, ħlief il-batterija tal-vettura elettrika,*** jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.	2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament ***jew punt ta' ġbir*** awtorizzat għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Emenda 1255
Filip Turek, Elisabeth Dieringer, Jorge Buxadé Villalba, Jorge Martín Frías, Klara Dostalova, Ondřej Knotek, Jaroslava Pokorná Jermanová, Jana Nagyová, Jaroslav Bžoch, Ondřej Kovařík, Virginie Joron, Nikola Bartůšek

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, ***ħlief il-batterija tal-vettura elettrika,*** jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.	2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament ***jew punt ta' ġbir*** awtorizzat għandha tkun mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-batterija hija parti essenzjali u ta' valur ta' vettura u bħala tali m'għandhiex tkun eskluża minn elementi meqjusa bħala essenzjali taħt dan ir-Regolament. Batteriji ta' vultaġġ għoli huma parti integrali minn vettura elettrika u fihom materjali perikoluż. Għalhekk, l-immaniġġar jeħtieġ persunal imħarreġ. Separazzjoni mhux awtorizzata tal-vettura u l-batterija qabel ma l-vettura tiġi mgħoddja lil post ta' ġbir jew ATF minn persuni mhux kwalifikati li ma jaġixxux fuq bażi professjonali tirrappreżenta riskju konsiderevoli għan-nies u għall-ambjent.

Emenda 1256
Kateřina Konečná

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tkun mingħajr ħlas	2. Il-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament ***jew punt ta' ġbir*** awtorizzat għandha tkun

għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, ***ħlief il-batterija tal-vettura elettrika,*** jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.

mingħajr ħlas għall-aħħar sid ta' vettura sakemm il-vettura li ma għadhiex tintuża ma tkunx nieqsa minn xi parti jew minn komponenti essenzjali tal-vettura, jew ikun fih skart li ġie miżjud mal-vettura li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Emenda 1257
Laurent Castillo

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)

Bil-formulazzjoni attwali, wara li jgħaddu minn faċilità ta' trattament awtorizzata, il-karkassi tal-ELVs (li jkunu għadhom jinkludu plastiks u materjali oħra) jistgħu jaslu f'faċilitajiet tal-azzar għat-tidwib. Dan jirrappreżenta ħsara serja lill-ambjent f'termini ta' emissjonijiet u nuqqas ta' konformità mal-objettivi ta' rkupru.

Emenda 1314
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex temenda l-Anness VII billi tadatta r-rekwiżiti minimi ta' trattament għal vetturi li ma għadhomx jintużaw għall-progress xjentifiku u tekniku.	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex temenda l-Anness VII billi tadatta r-rekwiżiti minimi ta' trattament għal vetturi li ma għadhomx jintużaw għall-progress xjentifiku u tekniku ***f'teknoloġiji tat-trattament, inklużi:***
	(a) iż-żieda, it-thassir jew ir-reviżjoni ta' partijiet u komponenti elenkati fil-

Parti C tal-Anness VII;

(b) ir-reviżjoni tal-valuri mira għall-frazzjonijiet tal-output elenkati fil-punt 2 tal-Parti G tal-Anness VII;

(c) it-twessigħ tal-lista tat-tipi ta' ligi tal-aluminju elenkati fil-punt 2b tal-Parti G tal-Anness VII;

Or. en

Emenda 1315
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex temenda l-Anness VII billi tadatta r-rekwiżiti minimi ta' trattament għal vetturi li ma għadhomx jintużaw għall-progress xjentifiku u tekniku.	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex temenda l-Anness VII billi tadatta r-rekwiżiti minimi ta' trattament għal vetturi li ma għadhomx jintużaw għall-progress xjentifiku u tekniku ***f'teknoloġiji tat-trattament, inklużi:***

Or. en

Emenda 1316
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex temenda l-Anness VII billi tadatta r-rekwiżiti minimi ta' trattament għal vetturi li ma għadhomx jintużaw għall-progress xjentifiku u	4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 50 biex temenda l-Anness VII billi tadatta r-rekwiżiti minimi ta' trattament għal vetturi li ma għadhomx jintużaw għall-progress xjentifiku u

tekniku.	tekniku ***f'teknoloġiji tat-trattament.***

Or. en

Emenda 1317
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) iż-żieda, it-tħassir jew ir-reviżjoni ta' partijiet u komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII;

Or. en

Emenda 1318
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) ir-reviżjoni tar-rekwiżiti ta' kwalità għall-frazzjonijiet tal-output elenkati fil-Parti G tal-Anness VII

Or. en

Emenda 1319
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) it-twessigħ tal-lista tat-tipi ta' ligi tal-aluminju elenkati fil-punt 2, il-punt b tal-Parti G tal-Anness VII

Or. en

Emenda 1320
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ii) iż-żieda ta' rekwiżiti tal-kwalità ssaħħaħ is-separazzjoni tal-plastiks riċiklabbli u l-valuri mira għat-teknoloġiji ta' riċiklaġġ sussegwenti applikabbli għall-punt 2 tal-Parti G tal-Anness VII

Or. en

Emenda 1321
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) (1) Fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma għall-UE kollha li fuqha jistgħu jinxtraw u jinbiegħu partijiet ta' vetturi użati. Dan jiżgura li l-operaturi awtorizzati għat-trattament tal-iskart ukoll ikunu jistgħu jipparteċipaw f'din il-pjattaforma. ***(2) L-UE għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju għal partijiet tal-karozzi użati minn vetturi li ma għadhomx jintużaw ittrattati fl-UE biex jintużaw għat-tiswijiet tal-karozzi fl-UE.*** ***(3) L-Istati Membri joħolqu inċentivi finanzjarji (eż. tnaqqis tal-VAT) biex iħeġġu l-użu ta' partijiet tal-karozzi użati.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fi żmien sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni tal-UE se toħloq lista ta' pjattaformi eżistenti ta' partijiet użati, li fiha jipparteċipaw ukoll negozjanti ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, u tagħmilhom disponibbli għall-pubbliku. L-UE qed timbotta l-użu ta' partijiet tal-karozzi użati minn vetturi li ma għadhomx jintużaw permezz tal-użu ta' sussidji. L-Istati Membri qed joħolqu wkoll inċentivi finanzjarji biex iħeġġu l-użu ta' partijiet tal-karozzi użati.

Emenda 1322
Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu faċilitajiet ta' trattament awtorizzati biex jintroduċu sistemi ċċertifikati ta' ġestjoni ambjentali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1221/2009.	5. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu faċilitajiet ta' trattament awtorizzati biex jintroduċu sistemi ċċertifikati ta' ġestjoni ambjentali ***u biex iwettqu awditu annwali*** f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1221/2009.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xi Stati Membri jwettqu awditi, oħrajn le. Ikun tajjeb li jiġu armonizzati, biex jiġu eliminati l-lakuni u d-differenzi fil-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u jinħolqu kundizzjonijiet ugwali bejn il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati differenti u bejn l-Istati Membri.

Emenda 1323
Jadwiga Wiśniewska

Proposta għal regolament
Artikolu 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 28	***imħassar***
Rekwiżiti ġenerali għat-tqattigħ	

1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati u operaturi oħra tal-immaniġġar tal-iskart għandhom jitolbu li l-vetturi li ma għadhomx jintużaw ikkonsenjati lilhom għat-tqattigħ ikunu akkumpanjati minn dawn li ġejjin:

(a) dokumentazzjoni li tinkludi n-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Vettura (VIN) għall-vettura kkonċernata li ma għadhiex tintuża;

(b) kopja taċ-ċertifikat ta' qerda li jkun inħareġ għall-vettura kkonċernata li ma għadhiex tintuża.

2. Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati u l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jirċievu vetturi li ma għadhomx jintużaw li ma humiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) jirrapportaw in-nuqqas ta' konformità lill-awtorità kompetenti;

(b) iżommu lura milli jużaw dawk il-vetturi li ma għadhomx jintużaw fl-operazzjonijiet ta' tqattigħ tagħhom sakemm l-awtorità kompetenti ma tawtorizzax tali operazzjonijiet.

3. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ma għandhomx iħalltu vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.

Or. pl

Emenda 1324
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati u operaturi oħra tal-immaniġġar tal-iskart għandhom jitolbu li l-vetturi li ma għadhomx jintużaw ikkonsenjati lilhom għat-tqattigħ ikunu akkumpanjati minn dawn li ġejjin:	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati u operaturi oħra tal-immaniġġar tal-iskart għandhom jitolbu li l-vetturi li ma għadhomx jintużaw ikkonsenjati lilhom għat-tqattigħ ikunu ***soġġetti għat-tneħħija tat-tniġġis skont l-Artikolu 29 u l-partijiet u l-komponenti tagħhom jitneħħew f'konformità mal-Artikolu 30 u jkunu*** akkumpanjati minn dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 1325
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) kopja ta' ċertifikat minn żarmaturi awtorizzati li jipprova li l-vettura li ma għadhiex tintuża tkun ġiet ittrattata f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-permessi tagħhom, kif ukoll f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1326
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Ix-shredders jistgħu jirċievu biss karkassi li huma trattati kif deskritt fl-ANNESS VII, il-Parti B, il-Parti C u wara l-iżmuntar ta' partijiet għall-użu mill-ġdid mill-iżmuntaturi awtorizzati.

Or. en

Emenda 1327
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati u l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jirċievu vetturi li ma għadhomx jintużaw li ma humiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom:	***imħassar***
(a) jirrapportaw in-nuqqas ta' konformità lill-awtorità kompetenti;	
(b) iżommu lura milli jużaw dawk il-vetturi li ma għadhomx jintużaw fl-operazzjonijiet ta' tqattigħ tagħhom sakemm l-awtorità kompetenti ma tawtorizzax tali operazzjonijiet.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 28(2) jipprevedi li ċerti vetturi li ma għadhomx jintużaw jistgħu jitqattgħu biss wara l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti. Aħna niċħdu b'mod strett it-talba għal approvazzjoni uffiċjali separata ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw li m'għandhomx numru ta' identifikazzjoni tal-vettura (VIN) jew prova ta' riċiklaġġ; tali proċedura jkollha impatt fuq il-funzjonament bla xkiel tal-proċess kollu tar-riċiklaġġ tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw u tirrappreżenta xkiel burokratiku li qed jikber għall-kumpaniji tal-immaniġġar tal-iskart fil-prattika.

Emenda 1328
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) iżommu lura milli jużaw dawk il-vetturi li ma għadhomx jintużaw fl-operazzjonijiet ta' tqattigħ tagħhom sakemm l-awtorità kompetenti ma tawtorizzax tali operazzjonijiet.	(b) iżommu lura milli jużaw dawk il-vetturi li ma għadhomx jintużaw fl-operazzjonijiet ta' tqattigħ tagħhom sakemm l-awtorità kompetenti ma tawtorizzax tali operazzjonijiet ***jew sakemm ikunu ttieħdu l-pass meħtieġa biex tiġi ttrattata l-vettura li ma għadhiex tintuża f'konformità mal-Artikoli 29 u 30.***

Or. en

Emenda 1329
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jikkonsenjaw il-vettura li ma għadhiex tintuża lil żmuntatur awtorizzat jekk ma tkunx konformi mar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1(c).

Or. en

Emenda 1330
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma	***imħassar***

għadhomx jintużaw ma għandhomx iħalltu vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iskart tal-imballaġġ domestiku u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku u skart ieħor tal-metall diġà qegħdin jitqattgħu flimkien ma' vetturi użati. Dan il-proċess ma joħloq l-ebda riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Is-separazzjoni downstream tiżgura li l-frazzjonijiet tat-tqattigħ ewlenin ikunu ta' kwalità għolja ħafna.

Emenda 1331
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-operaturi*** tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***ma għandhomx iħalltu*** vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.	3. ***Il-faċilitajiet tat-trattament awtorizzati u l-operaturi*** tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***għandhom iqattgħu biss*** vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom ***flimkien*** mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku ***u skart ieħor jekk il-kriterji u l-valuri ta' limitu tal-Parti G, il-punt (1) u (2) tal-Anness VII jiġu ssodisfati.***

Or. en

Emenda 1332
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ma għandhomx iħalltu vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.	3. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ma għandhomx iħalltu vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku ***u għandhom jikkonformaw mal-kriterji u l-valuri ta' limitu tal-Parti G tal-Anness VII.***

Or. en

Emenda 1333
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ma għandhomx iħalltu vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.	3. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ma għandhomx iħalltu vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku ***jekk il-kriterji u l-valuri ta' limitu tal-Parti 1 tal-Anness VII jiġu ssodisfati.***

Or. en

Emenda 1334
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ma għandhomx iħalltu vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.	3. ***Il-faċilitajiet tat-trattament awtorizzati u*** l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ma għandhomx iħalltu vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.

Or. en

Emenda 1335
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ma għandhomx iħalltu vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.	3. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu tqattigħ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw ***jistgħu jħalltu*** vetturi li ma għadhomx jintużaw, il-partijiet, il-komponenti u l-materjali tagħhom mal-iskart mill-imballaġġ u mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku.

Or. es

Emenda 1336
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, waqt li jwettqu t-tqattigħ, għandhom jiżguraw li l-output tal-azzar, tal-aluminju u tar-ram jikkonforma ma' standards ta' kwalità għoljin, kif iddefiniti

fl-Anness VII, il-parti G.

Or. en

Emenda 1337
Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Kemm jista' jkun malajr*** wara l-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata, dik il-faċilità għandha tnaddaf mit-tniġġis dawk il-vetturi qabel ma jiġu ttrattati aktar, f'konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness VII.	1. ***Mhux aktar tard minn 30 jum*** wara l-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata, dik il-faċilità għandha tnaddaf mit-tniġġis dawk il-vetturi qabel ma jiġu ttrattati aktar, f'konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness VII.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-terminu "kemm jista' jkun malajr wara l-konsenja" ma jidhirx li huwa xieraq u ma jindika l-ebda perjodu ta' żmien.

Emenda 1338
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Kemm jista' jkun malajr*** wara l-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata, dik il-faċilità għandha tnaddaf mit-tniġġis dawk il-vetturi qabel ma jiġu ttrattati aktar, f'konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness VII.	1. ***Mhux aktar tard minn 15-il jum*** wara l-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata, dik il-faċilità għandha tnaddaf mit-tniġġis dawk il-vetturi qabel ma jiġu ttrattati aktar, f'konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness VII.

Or. en

Emenda 1339
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Kemm jista' jkun malajr*** wara l-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata, dik il-faċilità għandha tnaddaf mit-tniġġis dawk il-vetturi qabel ma jiġu ttrattati aktar, f'konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness VII.	1. ***Mhux aktar tard minn 30 jum*** wara l-konsenja ta' vettura li ma għadhiex tintuża f'faċilità ta' trattament awtorizzata, dik il-faċilità għandha tnaddaf mit-tniġġis dawk il-vetturi qabel ma jiġu ttrattati aktar, f'konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness VII.

Or. en

Emenda 1340
Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fluwidi u l-likwidi elenkati fil-Parti B tal-Anness VII għandhom jinġabru u jinħażnu separatament, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti A tal-Anness VII. Iż-żjut skartati għandhom jinġabru u jinħażnu separatament mill-fluwidi u l-likwidi l-oħra u għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2008/98/KE.	2. Il-fluwidi u l-likwidi elenkati fil-Parti B tal-Anness VII għandhom jinġabru u jinħażnu separatament, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti A tal-Anness VII. Iż-żjut skartati għandhom jinġabru u jinħażnu separatament mill-fluwidi u l-likwidi l-oħra u għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2008/98/KE. ***Il-fluwidi tas-sistema tal-arja kundizzjonata użati fis-sistemi tal-ġestjoni termali għandhom jinġabru u jinħażnu separatament mill-fluwidi l-oħrajn. Dawn ir-refriġeranti għandhom jiġu rkuprati u reklamati f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/573 u, meta teknikament u ekonomikament fattibbli, ir-riċiklaġġ u l-inkorporazzjoni mill-ġdid għandhom ikunu prijoritizzati.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-refriġeranti użati fis-sistemi tal-arja kundizzjonata, tat-tisħin u tal-ġestjoni termali jistgħu jiġu rkuprati, reklamati u użati mill-ġdid f'tagħmir ġdid jew eżistenti. Ir-refriġeranti qed jiġu rkuprati b'mod estensiv madwar l-UE, iżda jista' jsir aktar biex jiġi żgurat li r-refriġeranti jiġu rkuprati u reklamati kif suppost fi tmiem il-ħajja ta' vettura u jerġgħu jintużaw biex jiġi sfruttat il-benefiċċju tal-potenzjal taċ-ċirkolarità tagħhom Il-magni ta' rkupru huma disponibbli b'mod estensiv u jippermettu proċessi bażiċi ta' tindif. Dan jippermetti li r-refriġerant irkuprat ikun lest għar-riċiklaġġ jew għal reklamazzjoni.

Emenda 1341
Jens Gieseke, Paulius Saudargas

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fluwidi u l-likwidi elenkati fil-Parti B tal-Anness VII għandhom jinġabru u jinħażnu separatament, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti A tal-Anness VII. Iż-żjut skartati għandhom jinġabru u jinħażnu separatament mill-fluwidi u l-likwidi l-oħra u għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2008/98/KE.	2. Il-fluwidi u l-likwidi elenkati fil-Parti B tal-Anness VII għandhom jinġabru u jinħażnu separatament, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti A tal-Anness VII. Iż-żjut skartati għandhom jinġabru u jinħażnu separatament mill-fluwidi u l-likwidi l-oħra u għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2008/98/KE. ***Il-fluwidi tas-sistema tal-arja kundizzjonata użati fis-sistemi tal-ġestjoni termali għandhom jinġabru u jinħażnu separatament mill-fluwidi l-oħra u għandhom jiġu rkuprati skont ir-Regolament (UE) Nru 2024/573 u, meta jkun teknikament u ekonomikament fattibbli, għandhom jiġu riċiklati jew reklamati u użati mill-ġdid.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fluwidu tas-sistema tal-arja kundizzjonata jista' jiġi rkuprat, riċiklat jew reklamat u jerġa' jintuża f'tagħmir ġdid jew eżistenti u jikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari. Il-magni ta' rkupru huma disponibbli b'mod wiesa' u jippermettu proċessi bażiċi ta' tindif u l-irkupru ta' refriġeranti. Qabel l-użu mill-ġdid, kull refriġerant jgħaddi minn testijiet rigoruż li

jiċċertifikaw li jikkonforma mal-istandards internazzjonali (AHRI, SAE). Minn dik il-perspettiva, refriġerant ġdid u riċiklat joffru prestazzjoni ekwivalenti għall-użu maħsub tagħhom.

Emenda 1342
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 30	***imħassar***
Tneħħija obbligatorja ta' partijiet u komponenti għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ qabel it-tqattigħ	
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ, wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29.	
2.	
Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati 13 sa 19, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.	
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tipprovdi l-informazzjoni elenkata fil-Parti G tal-Anness VII.	
3.	
Minbarra l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 35 tad-Direttiva 2008/98/KE, il-faċilitajiet ta'	

trattament awtorizzati għandhom iżommu rekords tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw li jiġu pproċessati mingħajr it-tneħħija minn qabel ta' partijiet, komponenti u materjali f'konformità mal-paragrafu 2, inklużi l-isem u l-indirizz tal-faċilitajiet ta' trattament, u n-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Vettura (VIN) tal-vetturi kkonċernati li ma għadhomx jintużaw.

Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jipprovdu l-informazzjoni fir-rekords imsemmija fl-ewwel subparagrafu lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 49(6).

Or. en

Ġustifikazzjoni

ir-rekwiżiti obbligatorji ta' teħid lura fl-Artikolu 30 u l-Anness VII, Parti C, huma kkunsidrati bħala piż sproporzjonat fuq l-immaniġġar tal-iskart u x-shredders minħabba s-swieq finali mhux siguri biżżejjed għal partijiet u komponenti żarmati ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw.

Emenda 1343
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tneħħija obbligatorja ta' partijiet u komponenti għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ qabel it-tqattigħ	Tneħħija obbligatorja ta' partijiet u komponenti għall-użu mill-ġdid, ***għar-rimanifattura, għat-tiswija,*** u għar-riċiklaġġ qabel it-tqattigħ

Or. en

Emenda 1344
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Tneħħija obbligatorja ta' partijiet u komponenti għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ qabel it-tqattigħ	Tneħħija obbligatorja ta' partijiet u komponenti għall-użu mill-ġdid, ***għar-rimanifattura, għat-tiswija,*** u għar-riċiklaġġ qabel it-tqattigħ

Or. en

Emenda 1345
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ, wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29.	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ ***jew il-kumpattazzjoni***, wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29***, b'mod mhux distruttiv għall-partijiet u l-komponenti b'potenzjal ta' użu mill-ġdid, ta' rimanifattura jew ta' rinnovazzjoni f'konformità mal-Artikolu 31. Il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti mneħħija tal-ewwel subparagrafu mingħajr potenzjal ta' użu mill-ġdid, ta' rimanifattura jew ta' rinnovazzjoni jintbagħtu għar-riċiklaġġ skont ir-rekwiżiti tat-trattament kif indikat fil-Parti F tal-Anness VII.***

Or. en

Emenda 1346
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ, wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29.	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, ***li jkunu tajbin għall-użu mill-ġdid, għar-rimanifattura jew għar-rinnovazzjoni,*** jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ, wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29***, sakemm dan ikun teknikament u ekonomikament xieraq. Il-vetturi li ma għadhomx jintużaw flimkien mal-partijiet u mal-komponenti li mhumiex xierqa għall-użu mill-ġdid, għar-rimanifattura jew għar-rinnovazzjoni għandhom jintbagħtu għar-riċiklaġġ.***

Or. en

Emenda 1347
Stefan Köhler, Christian Doleschal, Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma	(1) Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma

għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ**,** wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29.	għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ***. Qabel iż-żarmar, u meta jkun possibbli, għandha ssir valutazzjoni ta' dawn il-partijiet u l-komponenti f'konformità mal-Artikolu 31. Din il-valutazzjoni għandha ssir*** wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-valutazzjoni tal-partijiet/komponenti fir-rigward tal-adegwatezza tagħhom għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew ir-riċiklaġġ għandha ssir qabel iż-żarmar u mhux wara.

Emenda 1348
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel*** jum tax-xahar ***wara*** 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ, wara li jkunu tlestew ***l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija*** fl-Artikolu 29.	1. ***Mill-[ewwel*** jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ***. Qabel iż-żarmar, issir valutazzjoni, jekk possibbli, ta' dawn il-partijiet u l-komponenti, f'konformità mal-Artikolu 31. Din il-valutazzjoni ssir*** wara li jkunu tlestew ***il-miżuri msemmija*** fl-Artikolu 29 ***biex il-vettura titnaddaf mit-tniġġis.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-valutazzjoni tal-partijiet (tal-kostruzzjoni) rigward l-adattabilità tagħhom għall-użu mill-ġdid, għar-rinnovazzjoni, għall-qlugħ għal eżaminazzjoni, jew għar-riċiklaġġ għandha titwettaq qabel iż-żarmar u mhux wara.

Emenda 1349
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ, wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29.	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***12-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, ***kif ukoll kwalunkwe parti li fiha materja prima kritika,*** jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ ***jew il-kumpattazzjoni***, wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29 ***b'mod mhux distruttiv***.

Or. en

Emenda 1350
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ, wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29.	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ ***jew il-kumpattazzjoni***, wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29.

Or. en

Emenda 1351
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***36*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ, wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29.	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara ***72*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, jitneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża qabel it-tqattigħ, wara li jkunu tlestew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 29.

Or. en

Emenda 1352
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti mneħħija tal-ewwel subparagrafu mingħajr potenzjal ta' użu mill-ġdid, ta' rimanifattura jew ta' rinnovazzjoni jintbagħtu għar-riċiklaġġ skont ir-rekwiżiti tat-trattament kif indikat fil-Parti F tal-Anness VII.

Or. en

Emenda 1353
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa

Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament għandhom jiżguraw li l-partijiet u l-komponenti mneħħija tal-ewwel subparagrafu mingħajr potenzjal ta' użu mill-ġdid, ta' rimanifattura jew ta' rinnovazzjoni skont l-Artikolu 31 jintbagħtu għar-riċiklaġġ skont ir-rekwiżiti tat-trattament kif indikat fil-Parti F tal-Anness VII.

Or. en

Emenda 1354
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-faċilitajiet awtorizzati ta' trattament biss jistgħu jaċċettaw, inaddfu mit-tniġġis u jneħħu l-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw.

Or. en

Emenda 1355
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk	***imħassar***

faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati 13 sa 19, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.

Or. en

Emenda 1356
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati ***fil-Parti C, l-entrati 13 sa 19***, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.	***Mhuwiex obbligatorju li l-partijiet u l-komponenti mingħajr potenzjal ta' użu mill-ġdid, ta' rimanifattura jew ta' rinnovazzjoni jitneħħew qabel it-tqattigħ*** jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder ***jisseparaw*** il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati ***fl-entrati 4), 6), 13), 14) 17), 18), 19)*** tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar ***u li l-kriterji u l-limiti ta' valur tal-Parti G, il-punti (1) u (2) tal-Anness VII huma ssodisfati. Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-faċilità awtorizzata ta' trattament għandha tipprovdi l-informazzjoni elenkata fil-Parti G, il-punt 3, tal-Anness VII.***

Or. en

Emenda 1357
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati 13 sa 19, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.	***Ma għandux ikun obbligatorju li jitneħħew qabel it-tqattigħ jew il-kumpattazzjoni partijiet jew komponenti mingħajr potenzjal ta' użu mill-ġdid, rimanifattura jew rinnovazzjoni*** jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti ***fl-entrati 4), 6), 13), 14), 17), 18), 19)*** elenkati fil-Parti C, l-entrati 13 sa 19, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar ***u li l-kriterji u l-valuri ta' limitu tal-Parti G, il-punti (1) u (2), tal-Anness VII huma ssodisfati.***

Or. en

Emenda 1358
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati ***13 sa 19***, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.	***Ma għandux ikun obbligatorju li jitneħħew qabel il-kumpattazzjoni jew it-tqattigħ partijiet jew komponenti mingħajr potenzjal ta' użu mill-ġdid, rimanifattura jew rinnovazzjoni*** jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi ***li ma hemm ebda potenzjal u*** li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati ***14 u 17***, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar ***u li l-kriterji u l-valuri ta' limitu tal-Parti G tal-Anness VII huma ssodisfati.***

Or. en

Emenda 1359
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Sandro Gozi

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati ***13 sa 19***, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.	***Mhuwiex obbligatorju li l-partijiet u komponenti mingħajr potenzjal ta' użu mill-ġdid, rimanifattura jew rinnovazzjoni jitneħħew qabel it-tqattigħ*** jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, ***l-entrati 4, 6, 13, 14 u 19*** tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar ***u li l-kriterji u l-valuri ta' limitu tal-Parti G tal-Anness VII huma ssodisfati.***

Or. en

Emenda 1360
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji ***postshredder*** jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati ***fil-Parti*** C, l-entrati 13 sa 19, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.	***Mhuwiex neċessarju li partijiet jew komponenti mingħajr potenzjal ta' użu mill-ġdid, rimanifattura jew rinnovazzjoni jitneħħew qabel it-tqattigħ*** jekk faċilità ta' trattament ***awtorizzata*** turi li t-teknoloġiji ***tat-tqattigħ jistgħu*** jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati ***fl-entrati 4), 6), 13), 14), 17), 18), 19) tal-Parti*** C, l-entrati 13 ***sa 19***, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar, ***jew jekk il-kriterji u l-valuri ta' limitu tal-Parti G, il-***

punti (1) u (2), tal-Anness VII huma ssodisfati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Components must be removed before shredding and compacting. Once an ELV is pressed, it is no longer possible to disassemble it, so it is important to clarify this in the legal text. Some changes are proposed in the list of components that can remain in the vehicle frame for shredding. The proposed list is closely linked to achieving the aluminum fractions suggested below for Annex VII – Part G (new part). In particular, 4) and 6) can remain in the car if proper sorting of the scrap is achieved by sorting the aluminum scrap into 4 families, as proposed. Heat exchangers (No. 16) must always be removed before shredding.

Emenda 1361
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati ***13 sa 19***, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.	Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati ***8 sa 11***, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti ***u jagħtu materjal riċiklat ekwivalenti*** bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar ***jew jekk ma jkunx hemm domanda għall-partijiet u l-komponenti użati ta' dawn l-entrati.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tneħħija tal-komponenti għandha tkun teknikament fattibbli, kosteffettiva, proporzjonata, u tiżgura skopijiet ta' użu mill-ġdid ċari. L-iżmantellar manwali obbligatorju għandu jkun meħtieġ biss meta jkun essenzjali għar-riżultati mixtieqa. Ir-riċiklaġġ għandu jisfrutta l-aktar teknoloġija avvanzata kull meta jkun possibbli.

Emenda 1362
Silvia Sardone, Valérie Deloge, Aldo Patriciello, Filip Turek, Marie-Luce Brasier-Clain, Roberto Vannacci, Matthieu Valet, Anne-Sophie Frigout, Mathilde Androuët, Ondřej Knotek, Susanna Ceccardi, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati ***13 sa 19***, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.	Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati ***8 sa 11***, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti ***u jagħtu materjal riċiklat ekwivalenti*** bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar ***jew jekk ma jkunx hemm domanda għall-partijiet u l-komponenti użati ta' dawn l-entrati.***

Or. en

Emenda 1363
Ivars Ijabs, Svenja Hahn

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati ***13 sa 19***, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.	Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati ***7 sa 9***, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti ***u jagħtu materjal riċiklat ekwivalenti*** bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar ***jew jekk ma jkunx hemm domanda għall-partijiet u l-komponenti użati ta' dawn l-entrati.***

Or. en

Emenda 1364
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati ***13 sa 19***, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.	Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, l-entrati ***8 sa 11***, tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti ***u jagħtu materjal riċiklat ekwivalenti*** bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar ***jew jekk ma jkunx hemm domanda għall-partijiet u l-komponenti użati ta' dawn l-entrati.***

Or. en

Emenda 1365
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, ***l-entrati 13 sa 19,*** tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.	Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.

Or. es

Emenda 1366
Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C, ***l-entrati 13 sa 19,*** tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.	Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk faċilità ta' trattament awtorizzata turi li t-teknoloġiji postshredder jisseparaw il-materjali mill-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti C tal-Anness VII, b'mod daqstant effiċjenti bħall-proċessi manwali ta' żarmar jew proċessi semiawtomatizzati ta' żarmar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet u l-komponenti kollha fl-Anness għandhom ikunu eliġibbli għall-eżenzjoni jekk jikkonformaw mal-istess riżultat u ma jkun hemm l-ebda domanda fis-suq għal komponenti mneħħija sabiex tinżamm in-newtralità teknoloġika u jiġi permess l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' separazzjoni ġodda permezz ta' faċilitajiet ta' wara t-tqattigħ u wkoll biex jiġi evitat impatt ambjentali akbar li jirriżulta meta wara t-tneħħija tagħhom fl-ATFs dawn il-partijiet ikollhom jiġu ttrasportati separatament lejn l-istess destinazzjoni jekk ma jkunx hemm l-istess domanda fis-suq għall-komponenti.

Emenda 1367
Matteo Ricci, Pierfrancesco Maran, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tipprovdi l-informazzjoni elenkata fil-Parti G tal-Anness VII.	Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-faċilità ta' trattament awtorizzata għandha tipprovdi l-informazzjoni elenkata fil-Parti G ***il-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Anness VII u għandha tikkonforma mar-rekwiżit ta' kwalità tal-frazzjonijiet tal-ouput stabbiliti fil-paragrafu 3a*** tal-Anness VII.

Or. en

Emenda 1368
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 31	***imħassar***
Rekwiżiti li jikkonċernaw il-partijiet u l-komponenti mneħħija	
1.	
Il-partijiet u l-komponenti kollha li jkunu tneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża skont l-Artikolu 30(1), għandhom jiġu vvalutati biex jiġi ddeterminat jekk humiex tajbin għal:	
(a) l-użu mill-ġdid, skont il-Parti D, il-punt 1(a), tal-Anness VII;	
(b) ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni, f'konformità mal-Parti D, il-punt 1(b), tal-Anness VII;	
(c) riċiklaġġ; jew	
(ii) operazzjonijiet oħra ta' trattament, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti speċifiċi ta' trattament fil-Parti F tal-Anness VII	
Il-partijiet u l-komponenti li huma tajbin għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni ma għandhomx jitqiesu bħala skart.	
Il-valutazzjoni għandha titwettaq billi titqies b'mod partikolari l-fattibbiltà teknika tat-twettiq tal-proċessi msemmija fl-ewwel subparagrafu u r-rekwiżiti tas-sikurezza tal-vetturi.	
Id-dokumentazzjoni li tikkonferma l-valutazzjoni mwettqa għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, inkluż meta l-partijiet u l-komponenti jiġu ttrasportati għall-finijiet ta' użu mill-ġdid, rimanifattura jew rinnovazzjoni.	
2. Il-partijiet u l-komponenti mneħħija tajbin għall-użu mill-ġdid, ir-	

rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni għandhom ikunu:

(a) ittikkettati f'konformità mal-Parti D, il-punt 2, tal-Anness VII;

(b) akkumpanjati minn garanzija, jekk il-partijiet u l-komponenti jiġu ttrasferiti lil persuna oħra jew jintużaw minn persuna oħra.

3. Il-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti E tal-Anness VII ma għandhomx jerġgħu jintużaw.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jidher illoġiku li jiġu evalwati l-partijiet u l-komponenti biss wara li jkunu tneħħew. Id-deċiżjoni dwar jekk parti jew komponent humiex tajbin għal tneħħija manwali għandha tkun ibbażata l-ewwel fuq il-valutazzjoni teknika tal-kumpaniji tal-immaniġġar tal-iskart stess. Sussegwentement, il-partijiet u l-komponenti mneħħija għandhom jiġu evalwati teknikament, immarkati u maħżuna mill-kumpaniji tal-immaniġġar tal-iskart f'konformità mal-Anness VII il-Parti D.

Emenda 1369
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-partijiet u l-komponenti kollha li jkunu tneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża skont l-Artikolu 30(1), għandhom jiġu vvalutati biex jiġi ddeterminat jekk humiex tajbin għal:	***Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jivvalutaw*** il-partijiet u l-komponenti kollha li jkunu tneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża skont l-Artikolu 30(1), ***skont il-ġerarkija tal-iskart*** biex jiġi ddeterminat jekk humiex tajbin għal***, fl-ordni tal-oġħla prijorità sal-iktar prijorità baxxa***:

Or. en

Emenda 1370
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-partijiet u l-komponenti kollha li jkunu tneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża skont l-Artikolu 30(1), għandhom jiġu vvalutati biex jiġi ddeterminat jekk humiex tajbin għal:	***Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jivvalutaw il-partijiet*** u l-komponenti kollha li jkunu tneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża skont l-Artikolu 30(1), ***skont il-ġerarkija tal-iskart*** biex jiġi ddeterminat jekk humiex tajbin għal***, fl-ordni tal-ogħla prijorità sal-iktar prijorità baxxa***:

Or. en

Emenda 1371
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-partijiet u l-komponenti kollha li jkunu tneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża skont l-Artikolu 30(1), għandhom jiġu vvalutati biex jiġi ddeterminat jekk humiex tajbin għal:	***Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jivvalutaw*** il-partijiet u l-komponenti kollha li jkunu tneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża skont l-Artikolu 30(1), ***f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE*** biex jiġi ddeterminat jekk humiex tajbin għal:

Or. en

Emenda 1372
Stefan Köhler, Christian Doleschal, Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-partijiet u l-komponenti kollha li jkunu	Il-partijiet u l-komponenti kollha li jkunu

tneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża skont l-Artikolu 30(1)**,** għandhom jiġu vvalutati biex jiġi ddeterminat jekk humiex tajbin għal:	tneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża skont l-Artikolu 30(1) għandhom***, jekk ikun possibbli,*** jiġu vvalutati ***qabel iż-żarmar tagħhom*** biex jiġi ddeterminat jekk humiex tajbin għal:

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-valutazzjoni tal-partijiet/komponenti fir-rigward tal-adegwatezza tagħhom għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura, ir-rinnovazzjoni jew ir-riċiklaġġ għandha ssir qabel iż-żarmar u mhux wara.

Emenda 1373
Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-partijiet u l-komponenti kollha ***li jkunu tneħħew*** minn vettura li ma għadhiex tintuża ***skont l-Artikolu*** 30(1), għandhom jiġu vvalutati biex jiġi ddeterminat jekk humiex ***tajbin*** għal:	Il-partijiet u l-komponenti kollha li jkunu tneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża ***f'konformità mal-Artikolu*** 30(1), għandhom jiġu vvalutati, ***jekk possibbli, qabel ma jiġu żmantellati*** biex jiġi ddeterminat jekk humiex ***xierqa*** għal:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-valutazzjoni tal-partijiet (tal-kostruzzjoni) rigward l-adattabilità tagħhom għall-użu mill-ġdid, għar-rinnovazzjoni, għall-qlugħ għal eżaminazzjoni, jew għar-riċiklaġġ għandha titwettaq qabel iż-żarmar u mhux wara.

Emenda 1374
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-partijiet u l-komponenti kollha li jkunu tneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża skont l-Artikolu 30(1), ***għandhom jiġu vvalutati*** biex jiġi ddeterminat jekk humiex tajbin għal:	***Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jivvalutaw*** il-partijiet u l-komponenti kollha li jkunu tneħħew minn vettura li ma għadhiex tintuża skont l-Artikolu 30(1), biex jiġi ddeterminat jekk humiex tajbin għal:

Or. en

Emenda 1375
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-partijiet u l-komponenti li huma tajbin għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni ma għandhomx jitqiesu bħala skart.	***Il-forom interni li jinġabru minn vetturi li ma għadhomx jintużaw*** li huma tajbin għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni ma għandhomx jitqiesu bħala skart.

Or. en

Emenda 1376
Pascal Canfin, Yvan Verougstraete, Ivars Ijabs, Andreas Glück

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-partijiet u l-komponenti li huma tajbin għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni ma għandhomx jitqiesu bħala skart.	***Il-forom interni*** li huma tajbin għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni ma għandhomx jitqiesu bħala skart.

Or. en

Emenda 1377
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni għandha titwettaq billi titqies b'mod partikolari l-fattibbiltà teknika tat-twettiq tal-proċessi msemmija fl-ewwel subparagrafu u r-rekwiżiti tas-sikurezza tal-vetturi.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emendi għall-Artikolu 31 jipproteġu d-dritt tas-sidien tal-vetturi li jsewwu, jirrestawraw u jużaw mill-ġdid il-partijiet mingħajr ostakli burokratiċi bla bżonn. Il-formulazzjoni oriġinali timponi piżijiet amministrattivi u restrizzjonijiet potenzjali fuq użu mill-ġdid leġittimu, li jagħmlu ħsara lill-preservazzjoni tal-karozzi klassiċi u lill-ekonomija ċirkolari. Billi tipprijoritizza l-użu mill-ġdid u t-tiswija fuq ir-rimi, l-emenda tiżgura li l-għanijiet ambjentali jintlaħqu mingħajr ma jiġu limitati d-drittijiet ta' sjieda individwali jew mingħajr ma jiżdiedu l-ispejjeż għall-manutenzjoni u r-restawr tal-vetturi.

Emenda 1378
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dokumentazzjoni li tikkonferma l-valutazzjoni mwettqa għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, inkluż meta l-partijiet u l-komponenti jiġu ttrasportati għall-finijiet ta' użu mill-ġdid, rimanifattura jew rinnovazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1379
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dokumentazzjoni li tikkonferma l-valutazzjoni mwettqa għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, inkluż meta l-partijiet u l-komponenti jiġu ttrasportati għall-finijiet ta' użu mill-ġdid, rimanifattura jew rinnovazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1380
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dokumentazzjoni li tikkonferma l-valutazzjoni mwettqa għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, inkluż meta ***l-partijiet u l-komponenti*** jiġu ttrasportati għall-finijiet ta' użu mill-ġdid, rimanifattura jew rinnovazzjoni.	Id-dokumentazzjoni li tikkonferma l-valutazzjoni mwettqa għandha, fuq talba, issir disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, inkluż meta l-***forom interni*** jiġu ttrasportati għall-finijiet ta' użu mill-ġdid, rimanifattura jew rinnovazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta teħtieġ faċilitajiet ta' trattament awtorizzati biex jivvalutaw jekk il-forom interni minn vetturi li ma għadhomx jintużaw jissodisfawx il-kriterji deskritti fl-Anness VII, il-Parti D, qabel ma jiġu kklassifikati bħala mhux skart. Biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għar-rimanifattura, il-forom interni kollha, inklużi dawk minn vetturi użati, m'għandhomx jitqiesu bħala skart awtomatikament.

Emenda 1381
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Preservazzjoni tad-Dritt għat-Tiswija u l-Użu mill-Ġdid
	(a) Is-sidien tal-vetturi għandhom iżommu d-dritt li jerġgħu jużaw, isewwu, jirrestawraw, jew jippreservaw kwalunkwe partijiet u komponenti mneħħija mill-vetturi tagħhom mingħajr ma jkunu jeħtieġu approvazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet.
	(b) Il-valutazzjoni tal-partijiet u l-komponenti għandha tipprijoritizza l-użu mill-ġdid u t-tiswija fuq għażliet oħra ta' trattament sakemm ir-riskji għas-sikurezza jew għall-ambjent ma jintwerewx b'mod ċar.
	(c) Id-dokumentazzjoni għandha tkun meħtieġa biss jekk ikun hemm investigazzjoni formali jew tilwima dwar il-klassifikazzjoni tal-partijiet.

Or. en

Emenda 1382
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-partijiet u l-komponenti mneħħija tajbin għall-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura jew ir-rinnovazzjoni*** għandhom ***ikunu***:	2. ***Il-faċilitajiet ta' trattament awtorizzati*** għandhom:

Or. en

Emenda 1383
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***ittikkettati*** f'konformità mal-Parti D, il-punt 2, tal-Anness VII;	(a) ***it-tikkettar tal-partijiet u tal-komponenti adegwati għall-użu mill-ġdid f'każ ta' bejgħ online*** f'konformità mal-Parti D, il-punt 2, tal-Anness VII;

Or. en

Emenda 1384
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jidentifikaw l-ATF li wettqet iż-żarmar u l-partijiet mibgħuta għall-użu mill-ġdid;

Or. it

Emenda 1385
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti E tal-Anness VII ma għandhomx jerġgħu jintużaw.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1386
Beatrice Timgren

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-partijiet u l-komponenti*** elenkati fil-Parti E tal-Anness VII ma għandhomx ***jerġgħu jintużaw.***	3. ***Kjarifika dwar l-Użu mill-Ġdid Ipprojbit***
	(a) Il-projbizzjoni fuq l-użu mill-ġdid tal-partijiet elenkati fil-Parti E tal-Anness VII ma għandhiex ***tipprevjeni lis-sidien milli jippreservaw jew jirrestawraw komponenti għal użu storiku, mhux fit-toroq, jew applikazzjonijiet ikkontrollati.***
	(b) Ir-restrizzjonijiet fil-Parti E għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni perjodika biex jiġi żgurat li ma jimponux xkiel bla bżonn għar-restawr tal-vetturi jew għall-ekonomija ċirkolari.

Or. en

Emenda 1387
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti E tal-Anness VII ***ma għandhomx jerġgħu jintużaw***.	3. Il-partijiet u l-komponenti elenkati fil-Parti E tal-Anness VII ***jistgħu jinbiegħu b'garanzija ta' funzjonalità sakemm ma jinbigħux lil kumpaniji awtorizzati, li jiggarantixxu l-funzjonalità tagħhom qabel ma jerġgħu jintużaw***.

Or. it

Emenda 1388
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 32	***imħassar***
Kummerċ ta' partijiet u komponenti użati, rimanifatturati jew rinnovati	
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] kwalunkwe persuna li tinnegozja, timmanifattura mill-ġdid jew tirrinnova spare parts u komponenti għandha, fil-punt tal-bejgħ:	
(a) tiżgura li l-partijiet u l-komponenti jkunu ttikkettati f'konformità mal-Parti D, il-punt 2, tal-Anness VII;	
(b) tipprovdi garanzija għall-partijiet u l-komponenti użati, rimanifatturati jew rinnovati.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għadu mhux ċar min jixtri dawn il-partijiet u l-komponenti kollha li jistgħu jerġgħu jintużaw, jerġgħu jiġu pproċessati u rinnovati, immarkati u maħżuna mingħand il-kumpaniji tal-immaniġġar tal-iskart. Realistikament, nassumu li mhux se jkun hemm ħafna domanda għall-partijiet kollha li jridu jitneħħew b'mod obbligatorju skont l-Artikoli 30 u 31. Barra minn hekk, wieħed m'għandux jinsa' li l-età medja ta' vettura hija ta' madwar 17-il sena qabel ma ssir vettura li ma għadhiex tintuża. Ma jagħmilx sens li titneħħa kull parti li tista' terġa' tintuża jew tissewwa minn kull vettura, peress li m'hemm l-ebda suq għal dawn il-kwantitajiet.

Emenda 1389
Pascal Arimont

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] kwalunkwe ***persuna li tinnegozja*** spare parts u komponenti użati, rimmanifatturati jew rinnovati għandha, fil-punt tal-bejgħ:	Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ***il-faċilità awtorizzata ta' trattament biss hija permessa li tinnegozja*** spare parts u komponenti użati, rimanifatturati jew rinnovati ***mneħħija minn vettura li ma għadhiex tintuża minn din il-faċilità awtorizzata ta' trattament għal użu ulterjuri, rimanifattura jew rinnovazzjoni u*** għandha, fil-punt tal-bejgħ:

Or. en

Emenda 1390
Johan Danielsson, Heléne Fritzon, Adnan Dibrani, Jessica Polfjärd, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] kwalunkwe ***persuna li tinnegozja*** spare parts u komponenti użati, rimmanifatturati jew rinnovati għandha, fil-punt tal-bejgħ:	Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] kwalunkwe ***operatur ekonomiku li jbigħ*** spare parts u komponenti użati mill-ġdid, rimmanifatturati jew rinnovati għandu, fil-punt tal-bejgħ:

Or. en

Emenda 1391
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] kwalunkwe ***persuna*** li tinnegozja spare parts u komponenti użati, rimmanifatturati jew rinnovati għandha***, fil-punt tal-bejgħ***:	Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] kwalunkwe negozjar ***fiżiku u ġuridiku*** ta' spare parts u komponenti użati, rimmanifatturati jew rinnovati għandu:

Or. en

Emenda 1392
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] kwalunkwe ***persuna li tinnegozja*** spare parts u komponenti użati, rimmanifatturati jew rinnovati għandha, fil-punt tal-bejgħ:	Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] kwalunkwe ***operatur ekonomiku li jbigħ*** spare parts u komponenti użati, rimmanifatturati jew rinnovati għandu:

Or. en

Emenda 1393
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] kwalunkwe persuna li tinnegozja, timmanifattura mill-ġdid jew tirrinnova spare parts u komponenti	Minn [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar ta' wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] kwalunkwe persuna li tinnegozja, timmanifattura mill-ġdid jew tirrinnova spare parts u komponenti

għandha, fil-punt tal-bejgħ:

għandha, fil-punt tal-bejgħ***, fil-punt tal-bejgħ***:

Or. it

Emenda 1394
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura li l-partijiet u l-komponenti jkunu ttikkettati f'konformità mal-Parti D, il-punt 2, tal-Anness VII;	(a) tiżgura li l-partijiet u l-komponenti jkunu ttikkettati f'konformità mal-Parti D, il-punt 2, tal-Anness VII, ***f'każ ta' bejgħ online***;

Or. it

Emenda 1395
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura li l-partijiet u l-komponenti ***jkunu ttikkettati f'konformità mal-Parti D, il-punt*** 2***, tal-Anness VII;***	(a) tiżgura li l-partijiet u l-komponenti ***ikun fihom tikkettar f'konformità mal-Artikolu 31(2)***, il-punt ***(a)***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhux l-operaturi ekonomiċi kollha, bħal kummerċjanti, jistgħu jiggarantixxu li l-partijiet u l-komponenti jissodisfaw il-funzjonijiet u l-istandards tal-prestazzjoni meħtieġa. F'każijiet bħal dawn, l-għoti ta' garanzija hija biżżejjed.

Emenda 1396
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżgura li l-partijiet u l-komponenti jkunu ttikkettati f'konformità ***mal-Parti D***, il-punt 2***, tal-Anness VII***;	(a) tiżgura li l-partijiet u l-komponenti jkunu ttikkettati f'konformità ***mal-Anness VII***, ***il-Parti D***, il-punt 2;

Or. it

Emenda 1397
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tipprovdi garanzija għall-partijiet u l-komponenti użati, ***rimanifatturati*** jew rinnovati.	(b) tipprovdi garanzija għall-partijiet u l-komponenti użati, ***riġenerati*** jew rinnovati***, fil-każ ta' bejgħ lill-konsumatur finali jew għoti lil ċentri speċjalizzati ta' riġenerazzjoni jew rinnovazzjoni***.

Or. it

Emenda 1398
Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) juru li l-partijiet u l-komponenti ġew fornuti minn faċilità awtorizzata ta' trattament

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li l-partijiet jew il-komponenti ma joriġinawx minn ċirkwiti illegali u ma jippreżentaw l-ebda periklu għas-sikurezza jew għall-ambjent, il-persuna jew l-

organizzazzjoni li tinnegozja l-partijiet tkun kapaċi turi li l-komponenti ġew fornuti minn faċilità ta' trattament awtorizzata.

Emenda 1399
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b a) ibigħu biss partijiet użati li ġejjin minn faċilitajiet awtorizzati ta' trattament;

Or. en

Emenda 1400
Silvia Sardone, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) ibigħu biss partijiet użati li ġejjin minn faċilitajiet awtorizzati ta' trattament;

Or. en

Emenda 1401
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) ibigħu biss partijiet użati li ġejjin minn faċilitajiet awtorizzati ta' trattament;

Or. en

Emenda 1402
Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) jekk dan il-punt tal-bejgħ huwa pjattaforma onlajn, irid juri li huma konformi mar-regoli msemmija fil-punti preċedenti u jinżamm responsabbli għal dan;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istess regoli għandhom japplikaw għall-bejgħ onlajn kif ukoll għall-bejgħ offline (regolari/fiżiku). Hija saħansitra meħtieġa attenzjoni speċjali għall-bejgħ onlajn, peress li ħafna traffikar illegali jseħħ permezz ta' pjattaformi onlajn. Dan jista' jiġi żgurat jew għall-inqas immonitorjat biss jekk il-pjattaformi jinżammu responsabbli.

Emenda 1403
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) ikunu kapaċi jintraċċaw il-parti lura għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura donatriċi li ma għadhiex tintuża.

Or. en

Emenda 1404
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bter) ikunu kapaċi jintraċċaw il-parti lura għall-VIN tal-vettura donatriċi li ma għadhiex tintuża;

Or. en

Emenda 1405
Stefano Cavedagna, Carlo Fidanza

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bc) il-pjattaformi diġitali jeħtieġ li jivverifikaw il-bejjiegħa ta' partijiet użati permezz tan-numri tal-kamra tal-kummerċ, il-permessi, is-sħubija tal-Assoċjazzjoni jew tal-PRO.

Or. en

Emenda 1406
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-każ ta' bejgħ ta' partijiet u komponenti użati, rimanifatturati jew rinnovati lill-konsumaturi, l-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li dawn il-partijiet u l-komponenti jkunu kapaċi jżommu l-funzjonijiet u l-prestazzjoni meħtieġa tagħhom permezz ta' użu normali u jikkonformaw ma' rekwiżiti oħrajn applikabbli għall-oġġetti mibjugħa

skont id-Direttiva (UE) 2019/771.

Or. en

Emenda 1407
Silvia Sardone, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fil-każ ta' bejgħ ta' partijiet u komponenti użati, rimanifatturati jew rinnovati lill-konsumaturi, l-operaturi ekonomiċi, inklużi l-kummerċjanti online, għandhom jiżguraw li dawn il-partijiet u l-komponenti jkunu kapaċi jżommu l-funzjonijiet u l-prestazzjoni meħtieġa tagħhom permezz ta' użu normali.

Or. en

Emenda 1408
Johan Danielsson, Heléne Fritzon, Adnan Dibrani, Jessica Polfjärd, Arba Kokalari

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dawn ir-rekwiżiti m'għandhomx japplikaw għall-bejgħ jew l-iskambju mhux kummerċjali ta' spare parts jew komponenti użati, rimanifatturati jew rinnovati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament m'għandux ipoġġi piż addizzjonali fuq dilettanti individwali li jbigħu jew jiskambjaw partijiet użati, rimanifatturati jew rinnovati mingħajr intenzjoni kummerċjali. Pereżempju, bħala parti mid-delizzju jew interess speċjali tagħhom. Il-kummerċ u l-iskambju fuq skala żgħira ta' partijiet ta' vetturi użati huwa sors ta' attività importanti għall-komunità

Ewropea tal-vetturi u għandu rwol importanti fiż-żamma tal-wirt kulturali komuni tagħna.

Emenda 1409
Pierfrancesco Maran, Matteo Ricci, Bruno Tobback, Elisabeth Grossmann, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dawn ir-rekwiżiti għandhom japplikaw irrispettivament mit-teknika kummerċjali użata, inkluż permezz ta' pjattaformi online kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (i), tar-Regolament (UE) 2022/2065.

Or. en

Emenda 1410
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom jieħdu l-inċentivi meħtieġa biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' partijiet u komponenti, kemm jekk jitneħħew matul il-fażi tal-użu kif ukoll matul il-fażi ta' tmiem il-ħajja ta' vettura.	Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom jieħdu l-inċentivi meħtieġa biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura, ***il-modifika retroattiva*** u r-rinnovazzjoni ta' partijiet u komponenti, kemm jekk jitneħħew matul il-fażi tal-użu kif ukoll matul il-fażi ta' tmiem il-ħajja ta' vettura. ***L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-inċentivi adottati f'konformità ma' dan l-Artiklu mingħajr dewmien żejjed.***

Or. en

Emenda 1411
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom jieħdu l-inċentivi meħtieġa biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura u r-rinnovazzjoni ta' partijiet u komponenti, kemm jekk jitneħħew matul il-fażi tal-użu kif ukoll matul il-fażi ta' tmiem il-ħajja ta' vettura.	Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-Istati Membri għandhom jieħdu l-inċentivi meħtieġa biex jippromwovu l-użu mill-ġdid, ir-rimanifattura, ***il-modifika retroattiva*** u r-rinnovazzjoni ta' partijiet u komponenti, kemm jekk jitneħħew matul il-fażi tal-użu kif ukoll matul il-fażi ta' tmiem il-ħajja ta' vettura.

Or. en

Emenda 1412
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-inċentivi msemmija fl-ewwel subparagrafu jistgħu jinkludu:	L-inċentivi msemmija fl-ewwel subparagrafu 1 ***għandhom*** jinkludi ***mill-inqas***:

Or. en

Emenda 1413
Jonas Sjöstedt

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-inċentivi msemmija fl-ewwel	L-inċentivi msemmija fl-ewwel

subparagrafu jistgħu jinkludu:	subparagrafu 1 ***għandhom*** jinkludi ***mill-inqas***:

Or. en

Emenda 1414
Sara Matthieu, David Cormand

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-użu ta' inċentivi ekonomiċi, inkluż l-istabbiliment ta' rata mnaqqsa ta' taxxa fuq il-valur miżjud għal spare parts u komponenti użati, rimanifatturati jew rinnovati.	(b) l-użu ta' inċentivi ekonomiċi, inkluż l-istabbiliment ta' rata mnaqqsa ta' taxxa fuq il-valur miżjud għal spare parts u komponenti użati, rimanifatturati jew rinnovati***, li huma mfassla biex jippremjaw lill-manifatturi li jeċċedu l-istandards minimi, b'tali mod li jkomplu jistimulaw l-użu ta' komponenti użati mill-ġdid, riċiklati u rinnovati.***

Or. en

Emenda 1415
Alexandr Vondra

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-użu ta' inċentivi ekonomiċi***, inkluż l-istabbiliment ta' rata mnaqqsa ta' taxxa fuq il-valur miżjud għal spare parts u komponenti użati, rimanifatturati jew rinnovati.***	(b) l-użu ta' inċentivi ekonomiċi.

Or. en

Emenda 1416
Susana Solís Pérez, Pablo Arias Echeverría, Pilar del Castillo Vera

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) L-estrazzjoni ta' partijiet jew komponenti għall-bejgħ tagħhom bħala partijiet użati tista' ssir biss f'faċilità ta' trattament awtorizzata u dejjem minn vetturi li qabel ikunu ġew soġġetti għat-tneħħija tat-tniġġis u jkun inħareġ iċ-ċertifikat ta' qerda korrispondenti

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament irid ifisser it-tmiem tal-kompetizzjoni inġusta li timplika li hemm nies li jwettqu l-attività taż-żarmar illegalment kullimkien u mingħajr ebda kontroll. Min irid iwettaq l-attività ta' estrazzjoni u bejgħ ta' partijiet użati għandu jagħmel dan billi jistabbilixxi ATF.

Emenda 1417
Susana Solís Pérez

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jilħqu l-miri li ġejjin:	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-operaturi ekonomiċi u*** l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jilħqu l-miri li ġejjin ***fil-qasam ta' attività tagħhom***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-operaturi ekonomiċi kollha jridu jkunu involuti fil-kisba tal-miri kif stabbiliti fid-Direttiva dwar vetturi li ma għadhomx jintużaw

Emenda 1418
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jilħqu l-miri li ġejjin:	1. Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: Jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tas-sena kalendarja wara 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-Istati Membri għandhom ***jadottaw il-miżuri meħtieġa biex*** jiżguraw li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jilħqu l-miri li ġejjin:

Or. en

Emenda 1419
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-użu mill-ġdid u l-irkupru, kif ikkalkolati flimkien, għandhom ikunu tal-anqas 95 %, skont il-piż medju għal kull vettura***, minbarra l-batteriji,*** u fis-sena;	(a) l-użu mill-ġdid u l-irkupru, kif ikkalkolati flimkien, għandhom ikunu tal-anqas 95 %, skont il-piż medju għal kull vettura u fis-sena;

Or. es

Emenda 1420
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-użu mill-ġdid u l-irkupru, kif	(a) l-użu mill-ġdid u l-irkupru, kif

ikkalkolati flimkien, għandhom ikunu tal-anqas 95 %, skont il-piż medju għal kull vettura***, minbarra l-batteriji,*** u fis-sena;	ikkalkolati flimkien, għandhom ikunu tal-anqas 95 %, skont il-piż medju għal kull vettura u fis-sena;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Batteriji preżenti f'ELVs ikkonsenjati f'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jitqiesu bħala użati mill-ġdid jew riċiklati għall-kalkoli skont l-Artikolu 34. Jekk il-batterija tkun nieqsa mill-ELV għandha wkoll tingħadd bħala użata mill-ġdid jew riċiklata għal dawn il-kalkoli.

Emenda 1421
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-użu mill-ġdid u l-irkupru, kif ikkalkolati flimkien, għandhom ikunu tal-anqas 95 %, skont il-piż medju għal kull vettura***, minbarra l-batteriji,*** u fis-sena;	(a) l-użu mill-ġdid u l-irkupru, kif ikkalkolati flimkien, għandhom ikunu tal-anqas 95 %, skont il-piż medju għal kull vettura u fis-sena;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-eteroġeneità tat-taħlita materjali li tibqa' wara t-tnaqqis/tneħħija tal-batterija/i, mhuwiex possibbli li tinkiseb rata ta' rkupru u riċiklaġġ ta' 85% u 95% rispettivament għal dawn il-materjali li jifdal. Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 34 għandha għalhekk tiġi adattata biex ikompli jintuża l-piż totali mal-batteriji għall-użu jew l-irkupru bħala punt ta' referenza.

Emenda 1422
Jorge Martín Frías, Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, kif ikkalkolati flimkien, għandhom ikunu tal-	(b) l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, kif ikkalkolati flimkien, għandhom ikunu tal-

anqas 85 %, skont il-piż medju għal kull vettura***, minbarra l-batteriji,*** u fis-sena.	anqas 85 %, skont il-piż medju għal kull vettura u fis-sena.

Or. es

Emenda 1423
Alexandr Vondra, Piotr Müller

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, kif ikkalkolati flimkien, għandhom ikunu tal-anqas 85 %, skont il-piż medju għal kull vettura***, minbarra l-batteriji,*** u fis-sena.	(b) l-użu mill-ġdid u l-irkupru, kif ikkalkolati flimkien, għandhom ikunu tal-anqas 85 %, skont il-piż medju għal kull vettura u fis-sena.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Batteriji preżenti f'ELVs ikkonsenjati f'faċilitajiet ta' trattament awtorizzati għandhom jitqiesu bħala użati mill-ġdid jew riċiklati għall-kalkoli skont l-Artikolu 34. Jekk il-batterija tkun nieqsa mill-ELV għandha wkoll tingħadd bħala użata mill-ġdid jew riċiklata għal dawn il-kalkoli.

Emenda 1424
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, kif ikkalkolati flimkien, għandhom ikunu tal-anqas 85 %, skont il-piż medju għal kull vettura***, minbarra l-batteriji,*** u fis-sena.	(b) l-użu mill-ġdid u l-irkupru, kif ikkalkolati flimkien, għandhom ikunu tal-anqas 85 %, skont il-piż medju għal kull vettura u fis-sena.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-eteroġeneità tat-taħlita materjali li tibqa' wara t-tnaqqis/tneħħija tal-batterija/i,

mhuwiex possibbli li tinkiseb rata ta' rkupru u riċiklaġġ ta' 85% u 95% rispettivament għal dawn il-materjali li jifdal. Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 34 għandha għalhekk tiġi adattata biex ikompli jintuża l-piż totali mal-batteriji għall-użu jew l-irkupru bħala punt ta' referenza.